Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT (UE) 2016/1628 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

tal-14 ta' Settembru 2016

dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53)

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 231, 6.9.2019, p. 29 (2016/1628)

▼B

REGOLAMENT (UE) 2016/1628 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-14 ta' Settembru 2016

dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

KAPITOLU I

SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi, għall-magni kollha msemmija fl-Artikolu 2(1), limiti tal-emissjonijiet għal inkwinanti gassużi u partikolati kif ukoll ir-rekwiżiti amministrattivi u tekniċi relatati mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll ċerti obbligi b'rabta mal-makkinarju mobbli mhux tat-triq li fih qed tiġi installata, jew ġiet installata, magna kif imsemmi fl-Artikolu 2(1) fir-rigward tal-limiti tal-emissjonijiet għall-inkwinanti gassużi u partikolati minn tali magni.

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll ir-rekwiżiti għas-sorveljanza tas-suq tal-magni msemmija fl-Artikolu 2(1) li huma installati, jew li huma maħsuba biex jiġu installati, f'makkinarju mobbli mhux tat-triq, u li huma soġġetti għal approvazzjoni tat-tip tal-UE.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-magni kollha li jaqgħu fil-kategoriji msemmija fl-Artikolu 4(1), li jiġu installati, jew li huma maħsuba biex jiġu installati, f'makkinarju mobbli mhux tat-triq u, sa fejn huma kkonċernati l-limiti tal-emissjonijiet għall-inkwinanti gassużi u partikolati minn dawk il-magni, għal tali makkinarju mobbli mhux tat-triq.

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal magni għal:

(a) il-propulsjoni tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(b) il-propulsjoni ta' tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija kif definit fil-punt (8) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013;

([1]) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, 9.10.2007, p.1).

▼B

(c) il-propulsjoni tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(d) makkinarju stazzjonarju;

(e) bastimenti tal-baħar li jirrikjedu navigazzjoni marittima valida jew ċertifikat tas-sigurtà validu;

(f) inġenju kif definit fid-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha;

(g) il-propulsjoni jew l-iskopijiet awżiljarji ta' bastimenti li jivvjaġġaw fuq passaġġi tal-ilma interni b'potenza netta ta' inqas minn 19 kW;

(h) inġenju tal-ilma kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]);

(i) inġenju tal-ajru kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 ([4]);

(j) vetturi ta' rikreazzjoni, għajr motoslitti, vetturi all-terrain u vetturi side-by-side;

(k) vetturi u magni użati jew maħsuba biex jintużaw esklużivament fil-kompetizzjonijiet;

(l) pompi portabbli tat-tifi tan-nar kif definiti u koperti mill-istandard Ewropew dwar pompi portabbli tat-tifi tan-nar ([5]);

(m) mudelli fuq skala mnaqqsa jew repliki fuq skala mnaqqsa ta' vetturi jew makkinarju fejn dawk il-mudelli jew repliki jkollhom potenza netta ta' inqas minn 19 kW.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "makkinarju mobbli mhux tat-triq" tfisser kwalunkwe magna mobbli, tagħmir li jista' jiġi ttrasportat jew vettura bi jew mingħajr qafas jew roti, li mhux maħsuba għat-trasport tal-passiġġieri jew merkanzija fit-triq, u jinkludi makkinarju installat fuq ix-xaċi ta' vetturi maħsuba għat-trasport ta' passiġġieri jew merkanzija fit-triq;

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52).

([2]) Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ara l-paġna 118 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) Id-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali u li tħassar id-Direttiva 94/25/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 90).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 362, 17.12.2014, p. 1).

([5]) Standard Ewropew EN-14466+A1: 2009 (Pompi tat-tifi tan-nar — Pompi portabbli — Rekwiżiti tas-sikurezza u l-prestazzjoni, testijiet).

▼B

(2) “approvazzjoni tat-tip tal-UE” tfisser il-proċedura li permezz tagħha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li tip ta' magna jew familja ta' magni tissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti ta' dan ir-Regolament;

(3) “inkwinanti gassużi” tfisser l-inkwinanti li ġejjin fl-istat gassuż tagħhom emessi minn magna: monossidu tal-karbonju (CO), idrokarburi (HC) totali u ossidi tan-nitroġenu (NO_x); NO_x li huma l-ossidu nitriku (NO) u d-diossidu tan-nitroġenu (NO_2), espressi bħala ekwivalenti għal NO_2;

(4) “materja partikolata” jew “PM” tfisser il-massa ta' kwalunkwe materjal fil-gass emess minn magna li jinġabar fuq mezz ta' filtru speċifikat wara d-dilwizzjoni tal-gass bl-arja ffiltrata nadifa sabiex it-temperatura ma taqbiżx it-325 K (52 °C);

(5) “numru ta' partikoli” jew “PN” tfisser l-għadd ta' partikoli solidi emessi minn magna b'dijametru akbar minn 23 nm;

(6) “inkwinanti partikolati” tfisser kwalunkwe materja emessa minn magna li titkejjel bħala PM jew PN;

(7) “magna b'kombustjoni interna” jew “magna” tfisser konvertitur tal-enerġija, għajr turbina tal-gass, iddisinjat biex jibdel enerġija kimika (dħul) f'enerġija mekkanika (ħruġ) bi proċess ta' kombustjoni interna; inklużi, fejn ikunu ġew installati, is-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet u l-interfaċċja tal-komunikazzjoni (hardware u messaġġi) bejn l-unità(jiet) elettronika ta' kontroll tal-magna u kwalunkwe unità oħra ta' motopropulsjoni jew kontroll ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq li tkun meħtieġa għall-konformità mal-Kapitoli II u III;

(8) “tip ta' magna” tfisser grupp ta' magni li ma jkunux differenti fil-karatteristiċi essenzjali tal-magna;

(9) “familja ta' magni” tfisser grupp ta' tipi ta' magni ta' fabbrikant li, minħabba d-disinn tagħhom, ikollhom karatteristiċi simili fir-rigward tal-emissjonijiet tal-egżost, u li jirrispettaw il-valuri tal-limitu tal-emissjonijiet applikabbli;

(10) “magna referenzjarja” tfisser tip ta' magna magħżula minn familja ta' magni b'tali mod li l-karatteristiċi tal-emissjonijiet tagħha jkunu rappreżentattivi ta' dik il-familja ta' magni;

(11) “magna ta' sostituzzjoni” tfisser magna li:

(a) tintuża esklużivament biex tissostitwixxi magna li diġà tqiegħdet fis-suq u li ġiet installata f'makkinarju mobbli mhux tat-triq; u

(b) tkun konformi ma' stadju tal-emissjonijiet li huwa aktar baxx minn dak applikabbli fid-data tas-sostituzzjoni tal-magna;

(12) “magna fis-servizz” tfisser magna mħaddma makkinarju mobbli mhux tat-triq skont l-użanzi, kondizzjonijiet u tagħbijiet normali ta' tħaddim tagħha, u li tintuża biex isiru testijiet ta' monitoraġġ tal-emissjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 19;

▼B

(13) “magna CI” tfisser magna li taħdem fuq il-prinċipju ta' ignixin bil-kompressjoni (“CI”);

(14) “magna SI” tfisser magna li taħdem fuq il-prinċipju ta' ignixin bl-ispark (“SI”);

(15) “magna SI li tinżamm fl-idejn” tfisser magna SI b'potenza referenzjarja ta' inqas minn 19 kW, u li tintuża f'tagħmir li jissodisfa mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(a) jinġarr mill-operatur waqt it-twettiq tal-funzjoni(jiet) maħsuba kollha tat-tagħmir;

(b) jopera f'diversi pożizzjonijiet, bħal rasu 'l isfel jew laġenba, sabiex iwettaq il-funzjoni(jiet) maħsuba tiegħu;

(c) il-piż niexef, inkluż il-magna, ikun inqas minn 20 kg, u jissodisfa mill-inqas waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-operatur tiegħu jipprovdi appoġġ fiżiku għal jew, inkella, iġorr it-tagħmir matul it-twettiq tal-funzjoni(jiet) maħsuba kollha tiegħu;

(ii) l-operatur tiegħu jipprovdi appoġġ fiżiku jew kontroll tal-attitudni għat-tagħmir matul it-twettiq tal-funzjoni(jiet) maħsuba kollha tiegħu;

(iii) jintuża f'ġeneratur jew pompa;

(16) “fjuwil likwidu” tfisser fjuwil li jeżisti fl-istat likwidu f'kondizzjonijiet ambjentali standard (298K, pressjoni ambjentali assoluta 101,3 kPa);

(17) “fjuwil gassuż” tfisser kwalunkwe fjuwil li jkun kollu kemm hu gassuż f'kondizzjonijiet ambjentali standard; (298K, pressjoni ambjentali assoluta 101,3 kPa);

(18) “magna li tuża żewġ tipi ta' fjuwil” tfisser magna li hija ddisinjata biex topera simultanjament bi fjuwil likwidu u fjuwil gassuż, fejn iż-żewġ fjuwils jitkejlu separatament u bl-ammont ikkonsmat ta' wieħed mill-fjuwils relattiv għall-ieħor ikun jista' jvarja skont l-operazzjoni;

(19) “magna li tuża tip wieħed ta' fjuwil” tfisser magna li mhijiex magna li tuża żewġ tipi ta' fjuwil;

(20) “GER” (Proporzjon Enerġetiku tal-Gass) tfisser, fil-każ ta' magna li tuża żewġ tipi ta' fjuwil, il-proporzjon tal-kontenut ta' enerġija tal-fjuwil gassuż fuq il-kontenut ta' enerġija taż-żewġ fjuwils; fil-każ ta' magni li jużaw tip wieħed ta' fjuwil, il-GER jiġi definit bħala 1 jew 0 skont it-tip ta' fjuwil;

(21) “magna b'veloċità kostanti” tfisser magna li l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tagħha tkun limitata għal operazzjoni b'veloċità kostanti, minbarra magni li l-funzjoni ta' regolatur tal-veloċità kostanti tagħhom titneħħa jew tiġi diżattivata; hija tista' tiġi pprovduta b'veloċità tal-vettura mhux ingranata li tista' tintuża meta tiġi start-jata jew meta tintefa l-vettura u tista' tkun mgħammra b'regolatur li jista' jiġi ssettjat għal veloċità alternattiva meta l-magna titwaqqaf;

▼B

(22) “magna b'veloċità varjabbli” tfisser magna li mhijiex magna b'veloċità kostanti;

(23) “operazzjoni b'veloċità kostanti” tfisser operazzjoni ta' magna b'regolatur li jikkontrolla awtomatikament id-domanda tal-operatur sabiex tinżamm il-veloċità tal-magna, anki taħt tagħbija li tinbidel;

(24) “magna awżiljarja” tfisser magna installata jew maħsuba biex tiġi installata f'makkinarju mobbli mhux tat-triq li ma jipprovdix propulsjoni direttament jew indirettament;

(25) “potenza netta” tfisser il-potenza tal-magna f'kW miksuba fuq bank tat-testijiet fit-tarf tal-krankxaft, jew l-ekwivalenti tiegħu, imkejla f'konformità mal-metodu li jintuża għall-kejl tal-potenza tal-magni b'kombustjoni interna kif speċifikat fir-Regolament tal-UNECE Nru. 120 bl-użu ta' fjuwil referenzjarju jew taħlita ta' fjuwils kif speċifikat fl-Artikolu 25(2);

(26) “potenza referenzjarja” tfisser il-potenza netta li tintuża sabiex tiddetermina l-valuri tal-limitu tal-emissjonijiet applikabbli għall-magna;

(27) “potenza netta nominali” tfisser il-potenza netta f'kW kif iddikjarata mill-fabbrikant ta' magna b'veloċità nominali;

(28) “potenza netta massima” tfisser l-ogħla valur tal-potenza netta fuq il-kurva nominali tal-potenza b'tagħbija sħiħa għat-tip ta' magna;

(29) “veloċità nominali” tfisser il-veloċità massima b'tagħbija sħiħa permessa minn regolatur tal-magna, kif iddisinjata mill-fabbrikant, jew, jekk regolatur ma jkunx preżenti, il-veloċità li biha tintlaħaq il-potenza massima netta tal-magna, kif speċifikata mill-fabbrikant;

(30) “data tal-produzzjoni tal-magna” tfisser id-data, mogħtija bħala x-xahar u s-sena, meta l-magna tgħaddi mill-verifika finali, wara li tkun ħalliet il-linja tal-produzzjoni, u tkun lesta biex tiġi konsenjata jew titpoġġa fl-istokk;

(31) “perijodu ta' transizzjoni” tfisser l-ewwel 24 xahar wara d-data stipulata fl-Anness III għat-tqegħid fis-suq ta' magni ta' Stadju V;

(32) “magna ta' transizzjoni” tfisser magna li jkollha data tal-produzzjoni tal-magna li tkun qabel id-data stabbilita fl-Anness III għat-tqegħid fis-suq tal-magni ta' Stadju V u li:

(a) tkun konformi mal-aħħar limiti tal-emissjonijiet applikabbli definiti fil-leġiżlazzjoni rilevanti applikabbli fil-5 ta' Ottubru 2016; jew

(b) taqa' taħt medda ta' potenza, jew tintuża jew maħsuba biex tintuża f'applikazzjoni, li ma kinitx soġġetta għal limiti ta' emissjonijiet ta' inkwinanti u approvazzjoni tat-tip fil-livell tal-Unjoni fil-5 ta' Ottubru 2016;

▼B

(33) “data tal-produzzjoni tal-magna mobbli mhux tat-triq” tfisser ix-xahar u s-sena indikati fuq il-marka statutorja tal-magna jew, fin-nuqqas ta' marka statutorja, ix-xahar u s-sena li fiha tgħaddi mill-verifika finali wara li tkun ħalliet il-linja tal-produzzjoni;

(34) “bastiment tal-passaġġi fuq l-ilma interni” tfisser inġenju li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/1629;

(35) “sett ta' ġenerazzjoni” tfisser magna mobbli indipendenti mhux tat-triq li ma jagħmilx parti minn motopropulsjoni, primarjament intenzjonat biex jipproduċi potenza elettrika;

(36) “makkinarju stazzjonarju” tfisser makkinarju li huwa maħsub biex jiġi installat b'mod permanenti f'post wieħed għall-ewwel użu tiegħu u mhux maħsub biex jiċċaqlaq, fit-triq jew b'xi mod ieħor, ħlief matul it-trasport mill-post tal-fabbrikazzjoni sal-post tal-ewwel installazzjoni;

(37) “installat b'mod permanenti” tfisser imwaħħal bil-boltijiet, jew miżmum effettivament fiss b'xi mod ieħor sabiex ma jkunx jista' jitneħħa mingħajr l-użu ta' għodod jew apparat, ma' bażi jew kostriġiment alternattiv intenzjonat biex il-magna topera f'post wieħed f'bini, struttura, faċilità jew installazzjoni;

(38) “motoslitta” tfisser magna awtopropulsiva li hija maħsuba biex tintuża għal vjaġġar barra mit-triq, primarjament fuq is-silġ, li tinsaq minn ċineg f'kuntatt mas-silġ u tibdel id-direzzjoni permezz ta' ski jew skis f'kuntatt mas-silġ, u li għandha massa massima mingħajr tagħbija, f'qagħda biex tinsaq, ta' 454 kg (inklużi t-tagħmir standard, il-fluwidu berried, il-lubrikanti, il-fjuwil u l-għodod iżda esklużi aċċessorji fakultattivi u s-sewwieq);

(39) “vettura all-terrain” jew “ATV” tfisser vettura motorizzata, imħaddma minn magna, maħsuba biex tivvjaġġa primarjament fuq uċuh mhux miksija fuq erba' roti jew aktar b'tajers bi pressjoni baxxa, li jkollha sedil iddisinjat biex jintuża bħala sarġ mis-sewwieq biss, jew sedil iddisinjat biex jintuża bħala sarġ mis-sewwieq u sedil għal mhux aktar minn passiġġier wieħed u manubriji għall-istering;

(40) “vettura side-by-side” jew “SbS” tfisser vettura awtopropulsiva, ikkontrollata minn operatur u mhux artikolata maħsuba primarjament sabiex tivvjaġġa fuq uċuh mhux miksija fuq erba' roti jew aktar, li jkollha massa minima mingħajr tagħbija, f'qagħda biex tinsaq, ta' 300 kg (inklużi t-tagħmir standard, il-fluwidu berried, il-lubrikanti, il-fjuwil u l-għodod iżda esklużi aċċessorji fakultattivi u s-sewwieq) u veloċità massima skont id-disinn ta' 25 km/siegħa jew aktar; tali vettura hija wkoll iddisinjata biex tittrasporta persuni u/jew merkanzija u/jew biex tiġbed u timbotta tagħmir, titmexxa minn kontroll differenti minn manubrija, iddisinjata għal skopijiet ta' rikreazzjoni jew utilità u ġġorr fuqha mhux aktar minn sitt persuni, inkluż is-sewwieq, li joqogħdu bil-qiegħda maġenb xulxin fuq sedil wieħed jew aktar mhux f'għamla ta' sarġ;

▼B

(41) “vettura ferrovjarja” tfisser makkinarju mobbli mhux tat-triq li jopera esklużivament fuq binarji ferrovjarji;

(42) “lokomottiva” tfisser vettura ferrovjarja maħsuba biex tipprovdi, jew direttament permezz tar-roti tagħha jew inkella indirettament permezz tar-roti ta' vetturi ferrovjarji oħrajn, il-potenza motriċi għall-propulsjoni tagħha nnifisha u għall-propulsjoni ta' vetturi ferrovjarji oħrajn li huma maħsuba biex iġorru merkanzija, passiġġieri u tagħmir ieħor, waqt li hija nnifisha ddisinjata jew maħsuba biex ma ġġorrx merkanzija jew passiġġieri, minbarra dawk li joperawha;

(43) “awtovagun” tfisser vettura ferrovjarja ddisinjata biex tipprovdi, jew direttament permezz tar-roti tagħha jew inkella indirettament permezz tar-roti ta' vetturi ferrovjarji oħrajn, il-potenza motriċi għall-propulsjoni tagħha nnifisha, u hija speċifikament iddisinjata biex iġġorr merkanzija jew passiġġieri, jew it-tnejn li huma, u li mhijiex lokomottiva;

(44) “vettura ferrovjarja awżiljarja” tfisser vettura ferrovjarja li mhijiex awtovagun jew lokomottiva inkluża iżda mhux limitata għal vettura ferrovjarja speċifikament iddisinjata biex twettaq ħidma ta' manutenzjoni jew kostruzzjoni jew operazzjonijiet ta' rfigħ assoċjati mal-binarji jew ma' infrastruttura oħra tal-linja ferrovjarja;

(45) “krejn mobbli” tfisser krejn bi driegħ bi provvista ta' enerġija interna li kapaċi jivvjaġġa fit-triq u/jew mhux fit-triq jew it-tnejn, u li jiddependi mill-gravità għall-istabbiltà u li jopera fuq tajers, ċineg jew b'arranġamenti mobbli oħrajn;

(46) “magna għat-tneħħija tas-silġ (snow thrower)” tfisser magna bi provvista ta' enerġija interna li hija ddisinjata esklużivament għat-tneħħija tas-silġ mis-superfiċje pavimentat billi tinġabar kwantità ta' silġ u tintefa' bis-saħħa f'tubu ta' rmigħ;

(47) “issir disponibbli fis-suq” tfisser kwalunkwe provvista ta' magna jew makkinarju mobbli mhux tat-triq għad-distribuzzjoni jew l-użu fis-suq tal-Unjoni matul attività kummerċjali, bi ħlas jew inkella mingħajr ħlas;

(48) “tqegħid fis-suq” tfisser l-ewwel darba li magna jew makkinarju mobbli mhux tat-triq isir disponibbli fis-suq tal-Unjoni;

(49) “fabbrikant” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li hija responsabbli lejn l-awtorità tal-approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċess ta' awtorizzazzjoni jew approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward tal-magna u li tiżgura l-konformità tal-produzzjoni tal-magna u li hija responsabbli wkoll għall-kwistjonijiet ta' sorveljanza tas-suq għall-magni ffabbrikati, kemm jekk involuta direttament kif ukoll jekk le fl-istadji kollha tad-disinn u l-kostruzzjoni tal-magna li hija s-suġġett tal-proċess tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE;

(50) “rappreżentant tal-fabbrikant” jew “rappreżentant” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li l-fabbrikant jaħtar b'mod dovut permezz ta' mandat bil-miktub sabiex tirrappreżentah fi kwistjonijiet rigward l-awtorità tal-approvazzjoni jew l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq u sabiex taġixxi f'ismu fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament;

▼B

(51) “importatur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tqiegħed fis-suq magna minn pajjiż terz, kemm jekk il-magna tkun diġà installata kif ukoll jekk le fil-makkinarju mobbli mhux tat-triq;

(52) “distributur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fil-katina tal-forniment, għajr il-fabbrikant jew l-importatur, li tagħmel magna disponibbli fis-suq;

(53) “operatur ekonomiku” tfisser il-fabbrikant, ir-rappreżentant tal-fabbrikant, l-importatur jew id-distributur;

(54) “fabbrikant ta' tagħmir oriġinali” jew “OEM” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tiffabbrika makkinarju mobbli mhux tat-triq;

(55) “awtorità tal-approvazzjoni” tfisser l-awtorità ta' Stat Membru stabbilita jew maħtura minn Stat Membru u nnotifikata minnu lill-Kummissjoni u li għandha kompetenza għal:

(a) l-aspetti kollha tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' magna jew ta' familja ta' magni;

(b) il-proċess ta' awtorizzazzjoni;

(c) l-għoti u, fejn xieraq, l-irtirar jew ir-rifjut ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE, u l-ħruġ ta' ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE;

(d) li taġixxi bħala l-punt ta' kuntatt għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni ta' Stati Membri oħrajn;

(e) li taħtar is-servizzi tekniċi; u

(f) li tiżgura li l-fabbrikant jissodisfa l-obbligi tiegħu fir-rigward tal-konformità tal-produzzjoni;

(56) “servizz tekniku” tfisser organizzazzjoni jew korp maħtur mill-awtorità tal-approvazzjoni bħala laboratorju tat-testijiet sabiex jagħmel testijiet, jew bħala korp ta' valutazzjoni tal-konformità sabiex iwettaq il-valutazzjoni inizjali u testijiet jew spezzjonijiet oħrajn, f'isem l-awtorità tal-approvazzjoni, jew l-awtorità tal-approvazzjoni nnifisha meta twettaq dawk il-funzjonijiet;

(57) “sorveljanza tas-suq” tfisser l-attivitajiet imwettqa u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jiżguraw li l-magni li jsiru disponibbli fis-suq ikunu konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni;

(58) “awtorità għas-sorveljanza tas-suq” tfisser awtorità ta' Stat Membru li tkun responsabbli mit-twettiq ta' sorveljanza tas-suq fit-territorju tiegħu;

(59) “awtorità nazzjonali” tfisser awtorità tal-approvazzjoni jew kwalunkwe awtorità oħra li, fir-rigward ta' magni li jkunu ser jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq jew ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq li fih huma installati magni, tkun involuta fi u responsabbli mis-sorveljanza tas-suq, il-kontroll fuq il-fruntiera jew it-tqegħid fis-suq fi Stat Membru;

▼B

(60) “utent finali” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, għajr il-fabbrikant, l-OEM, l-importatur jew id-distributur, li hija responsabbli mit-tħaddim tal-magna installata f'makkinarju mobbli mhux tat-triq;

(61) “strateġija ta' kontroll tal-emissjonijiet” tfisser element jew sett ta' elementi ta' disinn inkorporat fid-disinn ġenerali ta' magna, jew f'makkinarju mobbli mhux tat-triq li fih magna hija installata, u li jintuża fil-kontroll tal-emissjonijiet;

(62) “sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet” tfisser kwalunkwe mezz, sistema jew element ta' disinn li jikkontrolla jew inaqqas l-emissjonijiet;

(63) “strateġija ta' invalidazzjoni” tfisser strateġija ta' kontroll tal-emissjonijiet li tnaqqas l-effettività tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet taħt kondizzjonijiet ambjentali jew ta' tħaddim tal-magna li jkun hemm matul it-tħaddim normali tal-magna jew barra l-proċeduri tal-ittestjar għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE;

(64) “unità elettronika ta' kontroll” tfisser mezz elettroniku ta' magna li huwa parti mis-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet u li juża d-data miksuba mis-sensuri tal-magna biex jikkontrolla l-parametri tal-magna;

(65) “riċirkolazzjoni tal-gass tal-egżost” jew “EGR” tfisser mezz tekniku li hija parti mis-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet u li tnaqqas l-emissjonijiet billi tidderieġi l-gassijiet tal-egżost li jkunu ħarġu mill-kamra(kmamar) tal-kombustjoni lura fil-magna sabiex jitħalltu mal-arja li tidħol qabel jew waqt il-kombustjoni, ħlief għall-użu ta' valve timing sabiex jiżdied l-ammont ta' gass tal-egżost residwu fil-kamra(kmamar) tal-kombustjoni li jitħallat mal-arja li tidħol qabel jew waqt il-kombustjoni;

(66) “sistema ta' posttrattament tal-egżost” tfisser katalizzatur, filtru tal-partikoli, sistema deNOx, sistema kkombinata ta' filtru tal-partikoli ta' deNOx jew kwalunkwe mezz ieħor li jnaqqas l-emissjonijiet, bl-eċċezzjoni tar-riċirkolazzjoni tal-gass tal-egżost u t-turboċarġers, li huwa parti mis-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet, iżda li jiġi installat 'l isfel mill-portijiet tal-egżost tal-magna;

(67) “tbagħbis” tfisser diżattivazzjoni, aġġustament jew modifika tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet, inkluż kwalunkwe software jew element loġiku ieħor ta' kontroll ta' tali sistema, li jkollu l-effett, intenzjonat jew le, li jdgħajjef ir-rendiment tal-emissjonijiet tal-magna;

(68) “ċiklu tat-test” tfisser sekwenza tal-punti tat-test, kull wieħed b'veloċità u torque definiti, li għandhom jiġu segwiti mill-magna meta din tkun qiegħda tiġi ttestjata taħt kondizzjonijiet operattivi statiċi jew transitorji;

(69) “ċiklu tat-test f'qagħda statika” tfisser ċiklu tat-test fejn il-veloċità u t-torque tal-magna jinżammu f'sett finit ta' valuri nominalment kostanti; it-testijiet f'qagħda statika huma testijiet b'modalità diskreta jew inkella testijiet b'modalità ta' rampa ta' transizzjoni;

(70) “ċiklu tat-test transitorju” tfisser ċiklu tat-test b'sekwenza ta' valuri normalizzati tal-veloċità u tat-torque li jvarjaw mal-ħin fuq bażi ta' sekonda b'sekonda;

▼B

(71) “kaxxa tal-krank” tfisser l-ispazji magħluqa f'magna, jew esterni għaliha, li jkunu konnessi mas-samp taż-żejt permezz ta' kanali interni jew esterni minn fejn ikunu jistgħu joħorġu l-gassijiet u l-fwar;

(72) “riġenerazzjoni” tfisser avveniment li matulu l-livelli tal-emissjonijiet jinbidlu waqt li r-rendiment tas-sistema ta' posttrattament tal-egżost jiġi restawrat permezz tad-disinn, u li jista' jiġi kklassifikat bħala riġenerazzjoni kontinwa jew bħala riġenerazzjoni infrekwenti (perjodika);

(73) “perijodu ta' durabbiltà tal-emissjonijiet” jew “EDP” tfisser in-numru ta' sigħat jew, fejn applikabbli, id-distanza li tintuża biex jiġu stabbiliti l-fatturi tad-deterjorament;

(74) “fatturi tad-deterjorament” tfisser is-sett ta' fatturi li jindikaw ir-relazzjoni bejn l-emissjonijiet fil-bidu u fi tmiem il-perijodu ta' durabbiltà tal-emissjonijiet;

(75) “ittestjar virtwali” tfisser simulazzjonijiet bil-kompjuter, inklużi kalkoli, li jsiru biex juru l-livell tar-rendiment ta' magna bħala għajnuna għat-teħid tad-deċiżjonijiet mingħajr il-ħtieġa li tintuża magna fiżika.

Artikolu 4

Kategoriji tal-magni

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw il-kategoriji ta' magni li ġejjin, imqassmin fis-subkategoriji mogħtija fl-Anness I,:

(1) “kategorija NRE”:

(a) magni għal makkinarju mobbli mhux tat-triq li huma intenzjonati u adatti biex jimxu, jew biex jitmexxew, fit-triq jew b'xi mod ieħor, li mhumiex eskluży skont l-Artikolu 2(2) u li mhumiex inklużi f'xi kategorija oħra msemmija fil-punti (2) sa (10) ta' dan il-paragrafu;

(b) magni li għandhom potenza referenzjarja ta' inqas minn 560 kW li jintużaw minflok il-magni ta' Stadju V tal-kategoriji IWP, IWA, RLL jew RLR;

(2) “kategorija NRG”: magni li jkollhom potenza referenzjarja akbar minn 560 kW, esklużivament għall-użu f'settijiet ta' ġenerazzjoni; il-magni għal settijiet ta' ġenerazzjoni minbarra dawk li għandhom dawk il-karatteristiċi huma inklużi fil-kategoriji NRE jew NRS, skont il-karatteristiċi tagħhom;

(3) “kategorija NRSh”: magni SI li jinżammu fl-idejn li jkollhom potenza referenzjarja li tkun inqas minn 19 kW, esklużivament għall-użu f'makkinarju li jinżamm fl-idejn;

(4) “kategorija NRS”: magni SI, li jkollhom potenza referenzjarja li tkun inqas minn 56 kW u li mhumiex inklużi fil-kategorija NRSh;

(5) “kategorija IWP”:

(a) magni esklużivament għall-użu fuq bastimenti li jivvjaġġaw fuq passaġġi tal-ilma interni, għall-propulsjoni diretta jew indiretta tagħhom, jew maħsuba għall-propulsjoni diretta jew indiretta tagħhom, li jkollhom potenza referenzjarja li tkun akbar minn jew ugwali għal 19 kW;

▼B

(b) magni li jintużaw minflok il-magni tal-kategorija IWA sakemm dawn jikkonformaw mal-Artikolu 24(8);

(6) "kategorija IWA": magni awżiljarji esklużivament għall-użu fuq bastimenti li jivvjaġġaw fuq passaġġi tal-ilma interni u li jkollhom potenza referenzjarja li tkun akbar minn, jew ugwali għal, 19 kW;

(7) "kategorija RLL": magni esklużivament għall-użu f'lokomottivi, għall-propulsjoni tagħhom jew li huma maħsuba għall-propulsjoni tagħhom;

(8) "Kategorija RLR":

(a) magni esklużivament għall-użu f'awtovaguni, għall-propulsjoni tagħhom jew li huma maħsuba għall-propulsjoni tagħhom;

(b) il-magni li jintużaw minflok il-magni ta' Stadju V tal-kategorija RLL;

(9) "kategorija SMB": magni SI esklużivament għall-użu fil-motoslitti; il-magni għall-motoslitti minbarra l-magni SI huma inklużi fil-kategorija NRE;

(10) "kategorija ATS": magni SI esklużivament għall-użu fl-ATVs u SbS; il-magni għall-ATVs u l-SbS minbarra l-magni SI huma inklużi fil-kategorija NRE.

2. Magna b'veloċità varjabbli ta' kategorija partikolari tista' tintuża minflok magna b'veloċità kostanti tal-istess kategorija.

Barra minn hekk, il-magni b'veloċità varjabbli tal-kategorija IWP li jintużaw għal operazzjoni b'veloċità kostanti, għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 24(7) jew mal-Artikolu 24(8), skont kif applikabbli.

3. Il-magni għal vetturi ferrovjarji awżiljarji u l-magni awżiljarji għal awtovaguni u lokomottivi huma inklużi fil-kategoriji NRE jew NRS, skont il-karatteristiċi tagħhom.

KAPITOLU II

OBBLIGI ĠENERALI

Artikolu 5

Obbligi tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jaħtru awtoritajiet tal-approvazzjoni kif ukoll awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-istabbiliment u l-ħatra tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni u sorveljanza tas-suq imsemmija fil-paragrafu 1, inkluż b'isimhom, l-indirizzi postali u elettroniċi u l-oqsma ta' responsabbiltà. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista u d-dettalji tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni fuq is-sit web tagħha.

▼B

3. L-Istati Membri għandhom jippermettu biss it-tqegħid fis-suq ta':

(a) magni li huma koperti b'approvazzjoni tat-tip tal-UE valida mogħtija f'konformità ma' dan ir-Regolament, irrispettivament minn jekk humiex diġà installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq; u

(b) makkinarju mobbli mhux tat-triq li fih huma installati magni kif imsemmi fil-punt (a).

4. L-Istati Membri m'għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq ta':

(a) magni għal raġunijiet relatati ma' aspetti tal-kostruzzjoni u l-funzjonament tagħhom koperti minn dan ir-Regolament, fejn dawk il-magni jissodisfaw ir-rekwiżiti tiegħu;

(b) makkinarju mobbli mhux tat-triq għal raġunijiet relatati ma' emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati minn magni installati f'tali makkinarju, fejn dawk il-magni jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u jissodisfaw ir-rekwiżiti tiegħu.

5. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw u jwettqu s-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-magni fis-suq f'konformità mal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

Artikolu 6

Obbligi tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni

1. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jiżguraw li l-fabbrikanti li japplikaw għal approvazzjoni tat-tip tal-UE jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom biss jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE għat-tipi ta' magni jew għall-familji ta' magni li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

3. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, permezz tal-IMI, reġistru tat-tipi kollha ta' magni u familji ta' magni, li għalihom ingħataw, ġew estiżi jew ġew irtirati approvazzjonijiet tat-tip tal-UE, jew li fir-rigward tagħhom ġiet rifjutata applikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

Dak ir-reġistru għandu jkun fih mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant u l-isem tal-kumpannija, jekk differenti;

(b) l-isem/ismijiet kummerċjali jew il-marka(i) kummerċjali, kif adatt, li jappartjenu għall-fabbrikant;

(c) id-deżinjazzjoni tat-tipi ta' magni koperti mill-approvazzjoni tat-tip tal-UE tat-tip ta' magna jew, fejn applikabbli, mill-approvazzjoni tat-tip tal-UE tal-familja ta' magni;

(d) il-kategorija tal-magna;

▼B

(e) in-numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE inkluż in-numru ta' kwalunkwe estensjoni;

(f) id-data tal-għoti, l-estensjoni, ir-rifjut jew it-tneħħija tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE; u

(g) il-kontenut tat-taqsimiet "Informazzjoni ġenerali dwar il-magna" u "Riżultat finali tal-emissjonijiet" tar-rapport dwar it-testijiet imsemmi fl-Artikolu 24(12).

Artikolu 7

Obbligi tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq

1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu kontrolli dokumentarji u, fejn xieraq, kontrolli fiżiċi u fil-laboratorju tal-magni, fuq skala adegwata u fuq il-bażi ta' kampjuni adegwati. Meta jagħmlu dan, huma għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-prinċipji stabbiliti tal-valutazzjoni tar-riskji, kwalunkwe ilment u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jirrikjedu li l-operaturi ekonomiċi jagħmlu tali dokumentazzjoni u informazzjoni disponibbli skont kif jitqies meħtieġ biex iwettqu l-attivitajiet tal-awtoritajiet.

Artikolu 8

Obbligi ġenerali tal-fabbrikanti

1. Il-fabbrikanti għandhom jiżguraw li meta l-magni tagħhom jitqiegħdu fis-suq dawn ikunu ġew iffabbrikati u approvati f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Fejn il-fabbrikanti jimmodifikaw magna li hija soġġetta għal approvazzjoni tat-tip tal-UE b'tali mod li sussegwentement tikkwalifika biex tappartjeni għal kategorija jew subkategorija differenti, huma għandhom ikunu responsabbli milli jiżguraw li l-magna tikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli għal dik il-kategorija jew subkategorija.

Fejn persuna ġuridika timmodifika magna b'tali mod li ma tibqax konformi mal-limiti tal-emissjonijiet applikabbli għaliha skont il-kategorija jew subkategorija tagħha, dik il-persuna għandha titqies li tkun responsabbli biex terġa' tistabbilixxi konformità ma' dawk il-limiti tal-emissjonijiet.

3. Il-fabbrikanti għandhom ikunu responsabbli lejn l-awtorità tal-approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċess tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u għall-iżgurar tal-konformità tal-produzzjoni, irrispettivament minn jekk ikunux involuti direttament fl-istadji kollha tal-kostruzzjoni ta' magna.

4. Il-fabbrikanti għandhom jiżguraw li jkun hemm proċeduri fis-seħħ biex il-produzzjoni tas-serje tibqa' f'konformità mat-tip approvat u għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' magni fis-servizz f'konformità mal-Artikolu 19.

Il-bidliet fid-disinn jew karatteristiċi ta' tip ta' magna u l-bidliet fir-rekwiżiti li tip ta' magna hija ddikjarata li tkun f'konformità magħhom għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni f'konformità mal-Kapitolu VI.

▼B

5. Minbarra l-marki statutorji msemmija fl-Artikolu 32, il-fabbrikanti għandhom jindikaw, fuq il-magni tagħhom li jkunu ffabrikaw i li jqiegħdu fis-suq jew, meta dan ma jkunx possibbli, f'dokument li jakkumpanja lill-magna, isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew il-marka kummerċjali rreġistrata u l-indirizz tagħhom fl-Unjoni fejn jistgħu jiġu kkuntattjati.

6. Fuq talba motivata, il-fabbrikanti għandhom jipprovdu lill-OEM b'duplikat tal-marka statutorja msemmija fl-Artikolu 15(4).

7. Il-fabbrikanti għandhom jiżguraw li, dment li huma responsabbli għal magna, il-kondizzjonijiet tal-ħażna jew tat-trasport ma jipperikolawx il-konformità tagħha ma' dan il-Kapitolu u l-Kapitolu III.

8. Il-fabbrikanti għandhom iżommu ċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE bl-anness tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 23(1) u, fejn applikabbli, kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 31 għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni għal perijodu ta' 10 snin wara t-tqegħid fis-suq ta' magna.

9. Il-fabbrikanti għandhom jipprovdu lil awtoritajiet nazzjonali, fuq talba motivata u permezz tal-awtorità tal-approvazzjoni, kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal magna. Dik il-kopja għandha tkun b'lingwa li tista' faċilment tinftiehem mill-awtorità nazzjonali rikjedenti.

10. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE tal-magni, il-fabbrikanti stabbiliti barra l-Unjoni għandhom jaħtru rappreżentant wieħed li jkun stabbilit fl-Unjoni sabiex jirrappreżentahom fit-trattattivi tagħhom mal-awtorità tal-approvazzjoni.

11. Għall-iskop tas-sorveljanza tas-suq, il-fabbrikanti stabbiliti barra mill-Unjoni għandhom jaħtru rappreżentant wieħed stabbilit barra mill-Unjoni, li jista' jkun ir-rappreżentant imsemmi fil-paragrafu 10.

Artikolu 9

Obbligi tal-fabbrikanti fir-rigward tal-magni li ma jkunux konformi

1. Fabbrikanti li jkollu raġuni biex jemmnu jew li jqis li waħda mill-magni tiegħu li tkun tqiegħdet fis-suq mhijiex konformi ma' dan ir-Regolament għandhom iwettqu minnufih investigazzjoni dwar in-natura tan-nonkonformità suspettata u l-estent probabbli tal-okkorrenza tagħha.

Abbażi tal-eżitu tal-investigazzjoni, il-fabbrikant għandu jieħu miżuri korrettivi sabiex jiżgura li l-magni fil-produzzjoni jinġiebu f'konformità mat-tip ta' magna approvat jew familja ta' magni approvati fi żmien debitu.

▼B

Il-fabbrikant għandu minnufih jinforma lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE bl-investigazzjoni, fejn jagħti dettalji, b'mod partikolari, tan-nonkonformità u ta' kwalunkwe miżuri korrettivi meħuda.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-fabbrikant m'għandux ikun obbligat jieħu miżuri korrettivi fir-rigward ta' magna li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament bħala riżultat ta' modifiki magħmula wara li din tkun tqiegħdet fis-suq u li ma kienux ġew awtorizzati mill-fabbrikant.

Artikolu 10

Obbligi tar-rappreżentanti tal-fabbrikanti għas-sorveljanza tas-suq

Bħala minimu, ir-rappreżentanti tal-fabbrikanti għas-sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu l-kompiti li ġejjin li għandhom jiġu speċifikati fil-mandat bil-miktub li jingħata mill-fabbrikant:

(a) jiżguraw li ċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE bl-annessi tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 23(1) u, fejn applikabbli, kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità kif imsemmija fl-Artikolu 31 jistgħu jsiru disponibbli lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni għal perijodu ta' għaxar snin wara t-tqegħid fis-suq ta' magna;

(b) jipprovdu lill-awtorità tal-approvazzjoni, fuq talba motivata, bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha neċessarja biex tintwera l-konformità tal-produzzjoni ta' magna;

(c) jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq, fuq it-talba tagħhom, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda taħt il-mandat.

Artikolu 11

Obbligi ġenerali tal-importaturi

1. L-importaturi għandhom iqiegħdu fis-suq biss magni li jkunu konformi u li jkunu rċevew approvazzjoni tat-tip tal-UE.

2. Qabel ma jqiegħdu fis-suq magna tat-tip approvat tal-UE, l-importaturi għandhom jiżguraw li:

(a) iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE bl-annessi tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 23(1) ikun disponibbli;

(b) il-magna jkollha l-marka statutorja msemmija fl-Artikolu 32;

(c) il-magna tikkonforma mal-Artikolu 8(5).

3. Għal perijodu ta' għaxar snin wara t-tqegħid fis-suq tal-magna, l-importaturi għandhom iżommu, fejn applikabbli, kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 31 għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq, u għandhom jiżguraw li ċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE bl-annessi tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 23(1) ikun jista' jitpoġġa disponibbli għal dawk l-awtoritajiet, fuq talba tagħhom.

▼B

4. L-importaturi għandhom jindikaw, fuq il-magna jew, meta dak ma jkunx possibbli, f'dokument li jakkumpanja lill-magna, isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew il-marka kummerċjali rreġistrata u l-indirizz tagħhom fejn jistgħu jiġu kkuntattjati.

5. L-importaturi għandhom jiżguraw li l-magna tkun akkumpanjata mill-informazzjoni u l-istruzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 43.

6. L-importaturi għandhom jiżguraw li, sakemm huma responsabbli għal magna, il-kondizzjonijiet tal-ħażna jew tat-trasport ma jipperikolawx il-konformità tagħha ma' dan il-Kapitolu jew il-Kapitolu III.

7. L-importaturi għandhom jipprovdu lill-awtorità nazzjonali rikjedenti, fuq talba motivata, bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha neċessarja biex tintwera l-konformità ta' magna. Dawk l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni għandhom ikunu b'lingwa li tista' faċilment tinftiehem mill-awtorità rikjedenti.

Artikolu 12

Obbligi tal-importaturi fir-rigward ta' magni li ma jkunux konformi

1. Importatur li jkollu raġuni biex jemmen jew iqis li magna mhijiex konformi ma' dan ir-Regolament u, b'mod partikolari, li hija ma tikkorrispondix mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE tagħha, ma għandhomx iqiegħdu l-magna fis-suq qabel ma din tinġieb f'konformità.

L-importatur għandu jinforma, mingħajr dewmien żejjed, lill-fabbrikant u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, kif ukoll lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE, b'dan.

2. Importatur li jkollu raġuni biex jemmen jew li jqis li magna li qiegħed fis-suq mhijiex konformi ma' dan ir-Regolament għandu jwettaq minnufih investigazzjoni dwar in-natura tan-nonkonformità sospettata u l-estent probabbli tal-okkorrenza tagħha.

Abbażi tal-eżitu tal-investigazzjoni, l-importaturi għandu jieħu miżuri korrettivi u jinforma lill-fabbrikant b'dan sabiex jiżgura li l-magni fil-produzzjoni jinġiebu f'konformità mat-tip ta' magna jew familja ta' magni approvati fi żmien debitu.

Artikolu 13

Obbligi ġenerali tad-distributuri

1. Meta jagħmlu magna disponibbli fis-suq, id-distributuri għandhom jaġixxu b'attenzjoni xierqa fir-rigward tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

2. Qabel ma jqiegħdu magna disponibbli fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li:

(a) il-fabbrikant ikun ikkonforma mal-Artikolu 8(5);

(b) fejn applikabbli, l-importatur ikun ikkonforma mal-Artikolu 11(2) u (4);

▼B

(c) il-magna jkollha l-marka statutorja msemmija fl-Artikolu 32;

(d) L-informazzjoni u l-istruzzjonijiet msemmija fl-Artikolu 43 ikunu disponibbli b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-OEM.

3. Id-distributuri għandhom jiżguraw li, dment li huma responsabbli għal magna, il-kondizzjonijiet tal-ħażna jew tat-trasport ma jipperikolawx il-konformità tagħha ma' dan il-Kapitolu jew il-Kapitolu III.

4. Id-distributuri għandhom, fuq talba motivata, jiżguraw li l-fabbrikant jipprovdi lill-awtorità nazzjonali rikjedenti d-dokumentazzjoni speċifikata fl-Artikolu 8(8), jew li l-importatur jipprovdi lill-awtorità nazzjonali rikjedenti d-dokumentazzjoni speċifikata fl-Artikolu 11(3).

Artikolu 14

Obbligi tad-distributuri fir-rigward ta' magni li ma jkunux konformi

1. Meta distributur ikollu raġuni biex jemmen jew iqis li magna mhijiex konformi ma' dan ir-Regolament, huwa ma għandux jagħmel il-magna disponibbli fis-suq qabel ma din tinġieb f'konformità.

2. Id-distributur għandu jinforma lill-fabbrikant jew lir-rappreżentant tal-fabbrikant jekk hu jkollu raġuni biex jemmen jew iqis li magna li jkun għamel disponibbli fis-suq mhijiex konformi ma' dan ir-Regolament, sabiex dan jiżgura li jittieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa sabiex il-magni fil-produzzjoni jinġiebu f'konformità mat-tip ta' magna jew familja ta' magni approvati skont l-Artikolu 9 jew 12.

Artikolu 15

Obbligi tal-OEMs li jikkonċernaw l-installazzjoni ta' magni

1. L-OEMs għandhom jinstallaw il-magni bl-approvazzjoni tat-tip tal-UE fil-makkinarju mobbli mhux tat-triq f'konformità mal-istruzzjonijiet ipprovduti mill-fabbrikat skont l-Artikolu 43(2), u b'tali mod li ma jaffettwawx ħażin ir-rendiment tal-magna fir-rigward tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati.

2. Fejn OEM ma jsegwix l-istruzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew jimmodifika magna matul l-installazzjoni tagħha f'makkinarju mobbli mhux tat-triq b'tali mod li jaffettwa ħażin il-prestazzjoni tal-magna fir-rigward tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati, dak l-OEM għandu jitqies bħala fabbrikant għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament u għandu, b'mod partikolari, ikun soġġett għall-obbligi speċifikati fl-Artikoli 8 u 9.

3. L-OEMs m'għandhomx jinstallaw magni bl-approvazzjoni tat-tip tal-UE fil-makkinarju mobbli mhux tat-triq jekk mhux f'konformità mat-tipi tal-użu esklużiv previst fl-Artikolu 4.

▼B

4. Fejn il-marka statutorja tal-magna msemmija fl-Artikolu 32 ma tkunx tidher mingħajr ma jitneħħew xi partijiet, l-OEM għandu jwaħħal mal-makkinarju mobbli mhux tat-triq, b'mod li tkun tidher, kopja tal-marka kif imsemmi f'dak l-Artikolu u fl-att ta' implimentazzjoni rilevanti, li tiġi pprovduta mill-fabbrikant.

5. Fejn makkinarju mobbli mhux tat-triq b'magna ta' transizzjoni installata jitqiegħed fis-suq f'konformità mal-Artikolu 58(5), l-OEMs għandhom jindikaw id-data tal-produzzjoni tal-magna mobbli mhux tat-triq bħala parti mill-marka fuq il-magna.

6. Fejn fabbrikant jikkonsenja magna lil OEM separatament missistema ta' posttrattament tal-egżost tagħha f'konformità mal-Artikolu 34(3), l-OEM għandu, fejn applikabbli, jipprovdi lill-fabbrikat b'informazzjoni rigward il-muntaġġ tal-magna u s-sistema ta' posttrattament tal-egżost tagħha.

Artikolu 16

Applikazzjoni tal-obbligi tal-fabbrikanti għall-importaturi u d-distributuri

Importatur jew distributur li jagħmel magna disponibbli fis-suq taħt l-isem jew il-marka kummerċjali tiegħu, jew li jimmodifika tali magna b'tali mod li tista' tiġi affettwata l-konformità tagħha mar-rekwiżiti applikabbli, għandu jitqies bħala fabbrikant għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament u għandu, b'mod partikolari, ikun soġġett għall-obbligi stipulati fl-Artikoli 8 u 9.

Artikolu 17

Obbligu ta' notifika għal operaturi ekonomiċi u OEMs

L-operaturi ekonomiċi u l-OEMs għandhom, fuq talba, jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq b'dan li ġej, għal perijodu ta' ħames snin mid-data tat-tqegħid fis-suq:

(a) kwalunkwe operatur ekonomiku li jkun fornihom b'magna;

(b) kwalunkwe operatur ekonomiku jew, fejn identifikabbli, kull OEM li jkunu fornew b'magna.

KAPITOLU III

REKWIŻITI SOSTANTIVI

Artikolu 18

Rekwiżiti tal-emissjonijiet tal-egżost għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE

1. Il-fabbrikanti għandhom jiżguraw li t-tipi u l-familji tal-magni jiġu ddisinjati, mibnija u mmuntati b'tali mod li jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u dan il-Kapitolu.

2. Mid-dati għat-tqegħid fis-suq tal-magni indikati fl-Anness III, it-tipi u l-familji tal-magni ma għandhomx jaqbżu l-valuri tal-limitu tal-emissjonijiet tal-egżost li ssir referenza għalihom bħala Stadju V u li huma indikati fl-Anness II.

▼B

Meta, f'konformità mal-parametri li jiddefinixxu l-familja ta' magni stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni rilevanti, familja waħda ta' magni tkopri aktar minn medda tal-potenza waħda, il-magna referenzjarja (għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE) u t-tipi ta' magni kollha fi ħdan l-istess familja (għall-finijiet ta' konformità tal-produzzjoni) għandhom, fir-rigward tal-firxiet tal-potenza applikabbli:

(a) jissodisfaw l-aktar valuri rigoruż ta' limiti tal-emissjonijiet;

(b) jiġu ttestjati bl-użu taċ-ċikli tat-test li jikkorrispondu għall-aktar valuri rigoruż ta' limiti tal-emissjonijiet;

(c) ikunu soġġetti għad-dati applikabbli li jiġu l-ewwel għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE u t-tqegħid fis-suq li huma stabbiliti fl-Anness III.

3. L-emissjonijiet tal-egżost tat-tipi u tal-familji ta' magni għandhom jitkejlu fuq il-bażi taċ-ċikli tat-test stabbiliti fl-Artikolu 24 u f'konformità mal-Artikolu 25.

4. It-tipi ta' magni u l-familji ta' magni għandhom ikunu ddisinjati u ffittjati bi strateġiji ta' kontroll tal-emissjonijiet b'tali mod li ma jippermettix it-tbagħbis sa fejn possibbli. L-użu ta' strateġiji ta' invalidazzjoni għandu jkun ipprojbit.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu d-dettalji għall-parametri li għandhom jintużaw għad-definizzjoni tat-tipi ta' magni u ta' familji ta' magni, inklużi l-modi operattivi tagħhom, u d-dettalji tekniċi għall-prevenzjoni tat-tbagħbis kif imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati, sal-31 ta' Diċembru 2016, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

Artikolu 19

Monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-magni fis-servizz

1. L-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi minn magni li jappartjenu għat-tipi ta' magni jew familji ta' magni b'limiti tal-emissjonijiet ta' Stadju V li ġew approvati skont it-tip f'konformità ma' dan ir-Regolament għandhom jiġu mmonitorjati permezz tal-ittestjar tal-magni fis-servizz installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq u operati fuq iċ-ċikli tat-tħaddim normali tagħhom. Tali ttestjar għandu jitwettaq, taħt ir-responsabbiltà tal-fabbrikant u f'konformità mar-rekwiżiti tal-awtorità tal-approvazzjoni, fuq magni li tkun saritilhom manutenzjoni korretta, f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-għażla tal-magni, il-proċeduri tal-ittestjar u r-rapportar tar-riżultati għall-kategoriji ta' magni differenti.

Il-Kummissjoni għandha twettaq programmi pilota bil-għan li tiżviluppa proċeduri tal-ittestjar xierqa għal dawk il-kategoriji u subkategoriji ta' magni li fir-rigward tagħhom għadhom mhumiex fis-seħħ tali proċeduri tal-ittestjar.

Il-Kummissjoni għandha twettaq programmi ta' monitoraġġ għal kull kategorija ta' magni biex tiddetermina l-miżura sa fejn, l-emissjonijiet imkejla miċ-ċiklu tat-test jikkorrispondu għall-emissjonijiet imkejla mill-operazzjoni proprja. Dawk il-programmi u r-riżultati tagħhom għandhom, fuq bażi annwali, ikunu s-suġġett ta' preżentazzjoni lill-Istati Membri u, sussegwentement, ta' komunikazzjoni lill-pubbliku.

▼B

2. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 55 għall-iskop li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'arranġamenti ddettaljati fir-rigward tal-għażla tal-magni, il-proċeduri għat-testijiet u r-rapportar tar-riżultati msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sal-31 ta ' Diċembru 2016.

KAPITOLU IV

PROĊEDURI TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-UE

Artikolu 20

Applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-UE

1. Il-fabbrikanti għandhom jippreżentaw applikazzjoni separata għal kull approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' magna jew familja ta' magni lill-awtorità tal-approvazzjoni ta' Stat Membru u kull applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 21. Fir-rigward ta' tip partikolari ta' magna jew, fejn applikabbli, familja ta' magni, għandha tiġi ppreżentata biss applikazzjoni waħda u din għandha tiġi ppreżentata lil awtorità tal-approvazzjoni waħda biss.

2. Il-fabbrikanti għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tas-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE magna li tikkonforma mal-karatteristiċi tat-tip ta' magna jew, f'każ tal-familja ta' magni, tal-magna referenzjarja deskritti fil-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 21.

3. Fil-każ ta' applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' familja ta' magni, jekk l-awtorità tal-approvazzjoni tistabbilixxi li, fir-rigward tal-magna referenzjarja magħżula imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-applikazzjoni ppreżentata ma tirrappreżentax b'mod sħiħ il-familja ta' magni deskritta fil-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 21, il-fabbrikanti għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni magna referenzjarja alternattiva u, jekk ikun hemm bżonn, addizzjonali, li titqies mill-awtorità tal-approvazzjoni li tirrappreżenta lill-familja ta' magni.

4. Fi żmien xahar mill-bidu tal-produzzjoni tat-tip ta' magna jew familja ta' magni approvata, il-fabbrikanti għandhom jippreżentaw il-pjan inizjali għall-monitoraġġ tal-magni fis-servizz lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip ta' dak it-tip ta' magna jew, fejn applikabbli, familja ta' magni.

Artikolu 21

Folder ta' informazzjoni

1. L-applikant għandu jipprovdi lill-awtorità tal-approvazzjoni b'folder ta' informazzjoni li jinkludi dan li ġej:

(a) dokument ta' informazzjoni, inkluża lista ta' fjuwils referenzjarji u, fejn mitlub mill-fabbrikant, kwalunkwe fjuwils, taħlitiet ta' fjuwils jew emulsjonijiet ta' fjuwils speċifikati oħrajn imsemmija fl-Artikolu 25(2) u deskritti f'konformità mal-atti delegati imsemmija fl-Artikolu 25(4) (“id-dokument ta' informazzjoni”);

(b) id-data, it-tpinġijiet, ir-ritratti u l-informazzjoni l-oħra kollha relatata mat-tip ta' magna jew, fejn applikabbli, il-magna referenzjarja;

▼B

(c) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali mitluba mill-awtorità tal-approvazzjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-UE.

2. Il-folder ta' informazzjoni jista' jiġi pprovdut b'forma stampat jew f'format elettroniku li jkun aċċettat mis-servizz tekniku u l-awtorità tal-approvazzjoni.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jippreskrivu mudelli għad-dokument ta' informazzjoni u għall-folder ta' informazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati, sal-31 ta' Diċembru 2016, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

KAPITOLU V

TWETTIQ TA' PROĊEDURI TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-UE

Artikolu 22

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. L-awtorità tal-approvazzjoni li tirċievi l-applikazzjoni għandha tagħti approvazzjoni tat-tip tal-UE lit-tipi ta' magni kollha jew lill-familji ta' magni kollha li jikkonformaw ma' kull wieħed mill-elementi li ġejjin:

(a) id-dettalji fil-folder ta' informazzjoni;

(b) ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari l-konformità tal-arranġamenti tal-produzzjoni msemmija fl-Artikolu 26.

2. Fejn magna tissodisfa r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni ma għandhom jimponu ebda rekwiżit ieħor tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward tal-emissjonijiet tal-egżost għal makkinarju mobbli mhux tat-triq fejn tiġi installata tali magna.

3. Wara d-dati għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE tal-magni indikati fl-Anness III għal kull subkategorija ta' magni, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni ma għandhomx jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tip ta' magna jew għal familja ta' magni li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

4. Iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandhom jiġu nnumerati f'konformità mas-sistema armonizzata li għandha tiġi stipulata mill-Kummissjoni.

5. Permezz tal-IMI l-awtorità tal-approvazzjoni għandha:

(a) tagħmel disponibbli lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħra lista tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE li tkun tat, jew, fejn applikabbli, estendiet, fi żmien xahar mill-ħruġ taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE korrispondenti;

(b) tagħmel disponibbli mingħajr dewmien lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn lista tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE li hija tkun irrifjutat li tagħti jew li tkun irtirat, flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha;

▼B

(c) fi żmien xahar minn meta tirċievi talba mill-awtorità tal-approvazzjoni ta' Stat Membru ieħor, tibgħat lil dik l-awtorità tal-approvazzjoni kopja taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE għat-tip ta' magna jew familja ta' magni, fejn dan ikun jeżisti, flimkien mal-pakkett ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafu 6 għal kull tip ta' magna jew familja ta' magni li hija tkun approvat, irrifjutat li tapprova jew l-approvazzjoni tat-tip tal-UE li tkun irtirat;

6. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tħejji pakkett ta' informazzjoni li jikkonsisti fil-folder ta' informazzjoni kif ukoll fir-rapporti dwar it-testijiet u d-dokumenti l-oħra kollha miżjuda mis-servizz tekniku jew mill-awtorità tal-approvazzjoni fil-folder ta' informazzjoni matul it-twettiq ta' xogħolhom (“il-pakkett ta' informazzjoni”).

Il-pakkett ta' informazzjoni għandu jinkludi indiċi li jelenka l-kontenut tal-pakkett ta' informazzjoni, innumerati kif dovut jew inkella mmarkati b'xi mod ieħor biex jiġu identifikati b'mod ċar il-paġni kollha u l-format ta' kull dokument, biex jiġi ppreżentat bħala reġistru tal-passi suċċessivi fl-immaniġġar tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, b'mod partikolari d-dati tar-reviżjonijiet u l-aġġornamenti.

L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni li jkun fih il-pakkett ta' informazzjoni tkun disponibbli għal perijodu ta' mill-inqas 25 sena wara tmiem il-validità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE kkonċernata.

7. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw:

(a) il-metodu kif għandha tiġi stabbilita s-sistema armonizzata ta' numerazzjoni msemmija fil-paragrafu 4;

(b) il-mudelli u l-istruttura tad-data għall-iskambju tad-data msemmi fil-paragrafu 5.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati, sal-31 ta' Diċembru 2016, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

Artikolu 23

Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE

1. Iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandu jkollu, l-annessi li ġejjin:

(a) il-pakkett ta' informazzjoni;

(b) fejn applikabbli, l-ismijiet u eżemplar tal-firem tal-persuni awtorizzati biex jiffirmaw dikjarazzjonijiet tal-konformità kif imsemmi fl-Artikolu 31 u indikazzjoni tal-pożizzjoni tagħhom fil-kumpannija.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi mudell għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

3. Fir-rigward ta' kull tip ta' magna jew familja ta' magni li tkun ġiet approvata, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha:

(a) timla s-sezzjonijiet rilevanti kollha taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, u tehmeż ir-rapport tat-test;

(b) tħejji l-indiċi għall-pakkett ta' informazzjoni;

▼B

(c) toħroġ ċertifikat komplut, flimkien mal-annessi tiegħu, lill-applikant mingħajr dewmien.

4. Fejn approvazzjoni tat-tip tal-UE tkun, f'konformità mal-Artikolu 35, ġiet soġġetta għal restrizzjonijiet dwar il-validità tagħha jew fejn it-tip ta' magna jew familja ta' magni tkun ġiet eżentata minn ċerti rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandu jispeċifika dawk ir-restrizzjonijiet jew eżenzjonijiet.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jistipulaw il-mudell għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati, sal-31 ta' Diċembru 2016, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

Artikolu 24

Testijiet meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE

1. Il-konformità mal-preskrizzjonijiet tekniċi stipulati f'dan ir-Regolament għandha tintwera permezz ta' testijiet xierqa mwettqa mis-servizzi tekniċi magħżula. Il-proċeduri tal-kejl u tal-ittestjar u t-tagħmir u l-għodod speċifiċi għat-twettiq ta' dawk it-testijiet għandhom ikunu dawk stipulati fl-Artikolu 25.

2. Il-fabbrikant għandu jagħmel disponibbli għall-awtorità tal-approvazzjoni l-ammont ta' magni meħtieġa taħt l-atti delegati rilevanti għat-twettiq tat-testijiet meħtieġa.

3. It-testijiet meħtieġa għandhom jitwettqu fuq magni li huma rappreżentattivi tat-tip ta' magna jew, fejn applikabbli, tal-magna referenzjarja tal-familja ta' magni li tkun trid tiġi approvata.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, il-fabbrikant jista', bi qbil mal-awtorità tal-approvazzjoni, jagħżel magna li, għalkemm ma tkunx rappreżentattiva tat-tip ta' magna jew, fejn applikabbli, tal-magna referenzjarja tal-familja ta' magni li tkun trid tiġi approvata, tikkombina wħud mill-aktar karatteristiċi mhux favorevoli fir-rigward tal-livell ta' rendiment meħtieġ. Jintużaw metodi tal-ittestjar virtwali biex jgħinu fit-teħid ta' deċiżjonijiet matul il-proċess tal-għażla.

4. Għall-finijiet tat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, iċ-ċikli tat-test applikabbli huma dawk stabbiliti fl-Anness IV. Iċ-ċikli tat-test applikabbli għal kull tip ta' magna inklużi fl-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandhom jiġu indikati fid-dokument ta' informazzjoni.

5. Magna li tkun rappreżentattiva tat-tip ta' magna jew, fejn applikabbli, tal-magna referenzjarja tal-familja ta' magni, jew magna magħżula skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, għandha tiġi ttestjata fuq dinamometru bl-użu taċ-ċiklu tat-test f'qagħda statika mhux tat-triq applikabbli identifikat fit-Tabelli IV-1 sa IV-10 tal-Anness IV. Il-fabbrikant jista' jagħżel jekk iwettaqx dak it-test bl-użu tal-metodu tat-test b'modalità diskreta jew test b'modalità ta' rampa ta' transizzjoni. Ħlief

▼B

fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 7 u 8, magna b'veloċità varjabbli ta' kategorija partikolari użata f'operazzjoni b'veloċità kostanti tal-istess kategorija ma għandhiex bżonn tiġi ttestjata bl-użu taċ-ċiklu tat-test f'qagħda statika applikabbli b'veloċità kostanti.

6. Fil-każ ta' magna b'veloċità kostanti li jkollha regolatur li jista' jiġi ssettjat għal veloċità alternattiva, ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5 għandhom jiġu sodisfatti f'kull veloċità kostanti applikabbli u d-dokument ta' informazzjoni għandu jindika l-veloċitajiet li japplikaw għal kull tip ta' magna.

7. Fil-każ ta' magna tal-kategorija IWP maħsuba biex tintuża għal operazzjoni kemm b'veloċità varjabbli kif ukoll b'veloċità kostanti, ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5 għandhom jiġu ssodisfati għal kull ċiklu tat-test f'qagħda statika applikabbli separatament, filwaqt li d-dokument ta' informazzjoni għandu jindika kull ċiklu tat-test f'qagħda statika li fir-rigward tiegħu kienu ssodisfati dawk ir-rekwiżiti.

8. Fil-każ ta' magna tal-kategorija IWP li tkun maħsuba biex tintuża minflok magna tal-kategorija IWA f'konformità mal-Artikolu 4(2), ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5 għandhom jiġu sodisfatti separatament għal kull ċiklu tat-test f'qagħda statika applikabbli kif stabbilit fit-Tabelli IV-5 u IV-6 tal-Anness IV, u d-dokument ta' informazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandu jindika kull ċiklu tat-test f'qagħda statika li għalih kien sodisfatt dan ir-rekwiżit.

9. Ħlief għall-magni bit-tip approvat skont l-Artikolu 34(5) u (6), il-magni b'veloċità varjabbli tal-kategorija NRE li jkollhom potenza netta li tkun akbar minn jew ugwali għal 19 kW iżda mhux aktar minn 560 kW għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, jiġu ttestjati wkoll fuq dinamometru bl-użu taċ-ċiklu tat-test transitorju identifikat fit-Tabella IV-11 tal-Anness IV.

10. Il-magni tas-subkategoriji NRS-v-2b u NRS-v-3 li jkollhom veloċità massima inqas minn jew ugwali għal 3 400 rpm għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5, jiġu ttestjati wkoll fuq dinamometru bl-użu taċ-ċiklu tat-test transitorju identifikat fit-Tabella IV-12 tal-Anness IV.

11. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 55 li jissuplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ddettaljati u l-karatteristiċi taċ-ċikli tat-test f'qagħda statika u dawk transitorji msemmija f'dan l-Artikolu, inkluż il-metodu korrispondenti għat-determinazzjoni tat-tagħbija tal-magna u l-parametri tal-veloċità. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sal-31 ta' Diċembru 2016.

12. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw il-format uniku tar-rapport tat-test meħtieġ għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati, sal-31 ta' Diċembru 2016, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

▼B

Artikolu 25

Twettiq tal-kejl u tat-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE

1. Ir-riżultati finali tat-testijiet tal-emissjoni tal-egżost għall-magni soġġetti għal dan ir-Regolament għandhom jiġu kkalkulati billi dawn li ġejjin jiġu applikati għar-riżultati tat-test fil-laboratorju ta':

(a) l-emissjonijiet ta' gassijiet mill-kaxxa tal-krank, fejn meħtieġ mill-paragrafu 3 u fejn ma jkunux diġà inklużi fil-kejl tal-laboratorju;

(b) kwalunkwe fattur ta' aġġustament neċessarju, fejn meħtieġ mill-paragrafu 3 u fejn il-magna tinkludi sistema ta' posttrattament tal-egżost riġeneranti;

(c) fir-rigward tal-magni kollha, il-fatturi ta' deterjorament adatti għall-perijodi ta' durabbiltà tal-emissjonijiet speċifikati fl-Anness V.

2. L-ittestjar ta' tip ta' magna jew familja ta' magni biex jiġi ddeterminat jekk tissodisfax il-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament għandu jitwettaq bl-użu tal-fjuwils referenzjarji jew it-taħlitiet ta' fjuwils li ġejjin, kif adatt:

(a) diżil;

(b) petrol;

(c) taħlita ta' petrol u żejt, għall-magni SI two-stroke;

(d) gass naturali/bijometan;

(e) gass likwifikat miż-żejt (LPG);

(f) etanol.

It-tip ta' magna jew il-familja ta' magni għandha, barra minn hekk, tissodisfa l-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward ta' kwalunkwe fjuwils, taħlitiet ta' fjuwils jew emulsjonijiet ta' fjuwils speċifikati oħra inklużi mill-fabbrikant f'applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-UE u deskritt fil-folder ta' informazzjoni.

3. Fir-rigward tat-twettiq tal-kejl u tat-testijiet, għandhom jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tekniċi fir-rigward ta':

(a) l-apparat u l-proċeduri għat-twettiq tat-testijiet;

(b) l-apparat u l-proċeduri għall-kejl tal-emissjonijiet u t-teħid ta' kampjuni;

(c) il-metodi li jintużaw għall-kalkoli u l-evalwazzjoni tad-data;

(d) il-metodi li jintużaw sabiex jiġu stabbiliti l-fatturi ta' deterjorament;

(e) fir-rigward tal-magni fil-kategoriji NRE, NRG, IWP, IWA, RLR, NRS, NRSh, SMB u ATS li jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet ta' Stadju V stabbiliti fl-Anness II:

(i) il-metodi għall-kunsiderazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet mill-kaxxa tal-krank;

▼B

(ii) il-metodi għad-determinazzjoni u għall-kunsiderazzjoni tar-riġenerazzjoni kontinwa jew infrekwenti tas-sistemi ta' posttrattament tal-egżost;

(f) fir-rigward tal-magni kkontrollati b'mod elettroniku fil-kategoriji NRE, NRG, IWP, IWA, RLL u RLR li jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet Stadju V stabbiliti fl-Anness II u li jużaw kontroll elettroniku sabiex jiddeterminaw kemm il-kwantità ta' fjuwil kif ukoll l-għażla tal-ħin għall-injezzjoni tal-fjuwil jew li jużaw kontroll elettroniku sabiex jattivaw, jiddiżattivaw jew jimmodulaw is-sistema tal-kontroll tal-emissjonijiet użata biex jitnaqqas l-NOx:

(i) l-istrateġiji ta' kontroll tal-emissjonijiet, u għandhom jinkludu d-dokumentazzjoni meħtieġa sabiex turi dawk l-istrateġiji;

(ii) il-miżuri ta' kontroll tal-NO_x, u għandhom jinkludu l-metodu użat biex juri dawk il-miżuri ta' kontroll;

(iii) iż-żona assoċjata maċ-ċiklu tat-test f'qagħda statika mhux tattriq rilevanti, li fiha jiġi kkontrollat l-ammont li bih l-emissjonijiet huma permessi li jaqbżu l-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness II;

(iv) l-għażla mis-servizz tekniku ta' punti ta' kejl addizzjonali miżżona ta' kontroll matul it-test tal-emissjonijiet fuq il-bank.

4. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 55 li jissuplimentaw dan ir-Regolament billi jistipulaw:

(a) il-metodoloġija għall-adattament tar-riżultati tat-testijiet tal-emissjonijiet li jsiru fil-laboratorji sabiex jiġu inklużi l-fatturi ta' deterjorament imsemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1;

(b) il-karatteristiċi tekniċi tal-fjuwils referenzjarji msemmija fil-paragrafu 2 u, fejn applikabbli, ir-rekwiżiti għad-deskrizzjoni ta' kwalunkwe fjuwils, taħlitiet ta' fjuwils jew emulsjonijiet ta' fjuwils speċifikati oħra deskritti fil-folder ta' informazzjoni;

(c) ir-rekwiżiti u l-karatteristiċi tekniċi ddettaljati għat-twettiq tal-kejl u tat-testijiet imsemmija fil-paragrafu 3;

(d) il-metodu użat biex jitkejjel il-PN, b'kunsiderazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet mogħtija fis-serje 06 tar-Regolament Nru. 49 tal-UNECE;

(e) ir-rekwiżiti tekniċi ddettaljati applikabbli għall-ittestjar ta' magni li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil jew magni gassużi li jużaw fjuwil wieħed imsemmija fl-Anness II.

Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sal-31 ta' Diċembru 2016.

▼B

Artikolu 26

Konformità tal-arranġamenti għall-produzzjoni

1. Awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-miżuri meħtieġa fir-rigward ta' dik l-approvazzjoni tat-tip tal-UE sabiex tivverifika, jekk ikun hemm bżonn b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn, li saru arranġamenti adegwati bil-għan li jiżguraw li l-magni fil-produzzjoni jkunu f'konformità mat-tip approvat fir-rigward tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

2. Awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-miżuri meħtieġa fir-rigward ta' dik l-approvazzjoni tat-tip tal-UE sabiex tivverifika li d-dikjarazzjonijiet ta' konformità maħruġa mill-fabbrikant ikunu konformi mal-Artikolu 31.

3. Awtorità tal-approvazzjoni li tat approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-miżuri meħtieġa fir-rigward ta' dik l-approvazzjoni tat-tip tal-UE sabiex tivverifika, jekk ikun hemm bżonn b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn, li l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jkomplu jkunu adegwati fis-sens li l-magni fil-produzzjoni jkomplu jkunu f'konformità mat-tip approvat u li d-dikjarazzjonijiet tal-konformità, fejn applikabbli, jkomplu jkunu konformi mal-Artikolu 31.

4. Sabiex tivverifika l-konformità ta' magna mat-tip approvat, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tista' twettaq kwalunkwe wieħed mill-kontrolli jew mit-testijiet li huma meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE fuq kampjuni meħuda fil-bini tal-fabbrikant, inklużi fil-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-fabbrikant.

5. Fejn awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat approvazzjoni tat-tip tal-UE tistabbilixxi li l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 mhumiex qegħdin jiġu applikati, qegħdin jiddevjaw b'mod sinifikanti mill-arranġamenti miftiehma kif imsemmi fil-paragrafu 1, ma baqgħux jiġu applikati jew ma għadhomx meqjusa bħala adegwati, anki jekk il-produzzjoni qiegħda tissokta, hija għandha jew tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li l-proċedura għall-konformità tal-produzzjoni tiġi segwita b'mod korrett, inkella għandha tirtira l-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

6. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 55 li jissuplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxi l-miżuri ddettaljati li jridu jittieħdu u l-proċeduri li jridu jiġu segwiti mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni sabiex jiżguraw li l-magni fil-produzzjoni jkunu f'konformità mat-tip approvat. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sal-31 ta' Diċembru 2016.

KAPITOLU VI

EMENDI U VALIDITÀ TAL-APPROVAZZJONIJIET TAT-TIP TAL-UE

Artikolu 27

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Il-fabbrikant għandu jinforma lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE dwar kwalunkwe bidla fid-dettalji rreġistrati fil-pakkett ta' informazzjoni, mingħajr dewmien.

▼B

Fil-każ ta' tali bidla l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tiddeċiedi liema mill-proċeduri stipulati fl-Artikolu 28 għandha tiġi segwita.

Fejn huwa neċessarju, jista' jagħti l-każ li l-awtorità tal-approvazzjoni tiddeċiedi, wara li tikkonsulta mal-fabbrikant, li għandha tingħata approvazzjoni tat-tip tal-UE ġdida.

2. Applikazzjoni għall-emenda ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tiġi ppreżentata biss lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE oriġinali.

3. Jekk l-awtorità tal-approvazzjoni ssib li, għall-finijiet tat-twettiq ta' emenda, l-ispezzjonijiet jew it-testijiet ikollhom jiġu ripetuti, hija għandha tinforma lill-fabbrikant b'dan.

Il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 28 għandhom japplikaw biss jekk, abbażi ta' dawk l-ispezzjonijiet jew testijiet, l-awtorità tal-approvazzjoni tikkonkludi li r-rekwiżiti għal approvazzjoni tat-tip tal-UE qed ikomplu jiġu sodisfatti.

Artikolu 28

Reviżjonijiet u estensjonijiet tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE

1. Fejn id-dettalji rreġistrati fil-pakkett ta' informazzjoni jkunu ġew mibdula, mingħajr il-ħtieġa li jiġu ripetuti l-ispezzjonijiet jew it-testijiet, tali emenda għandha tissejjaħ "reviżjoni".

Fil-każ ta' tali reviżjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha, mingħajr dewmien mhux ġustifikat, tirrevedi l-paġni rilevanti tal-pakkett ta' informazzjoni, skont kif meħtieġ, u timmarkahom b'mod li turi b'mod ċar in-natura tal-emenda, u għandha tindika wkoll id-data tar-reviżjoni, u tinkludi indiċi rivedut tal-pakkett ta' informazzjoni. Verżjoni konsolidata aġġornata tal-pakkett ta' informazzjoni, flimkien ma' deskrizzjoni ddettaljata tal-emendi, għandha titqies li tissodisfa r-rekwiżit ta' dan il-paragrafu.

2. Emenda kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tissejjaħ "estensjoni" meta jkunu nbidlu d-dettalji rreġistrati fil-pakkett ta' informazzjoni u meta sseħħ xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) ikunu meħtieġa aktar spezzjonijiet jew testijiet;

(b) xi informazzjoni inkluża fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, bl-eċċezzjoni tal-annessi tiegħu, tkun inbidlet;

(c) rekwiżit ġdid stabbilit f'dan ir-Regolament jew f'att delegat jew ta' implimentazzjoni tiegħu adottat bis-saħħa ta' dan ir-Regolament isir applikabbli għat-tip jew għall-familja ta' magni approvati.

Fil-każ ta' estensjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tistabbilixxi ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE aġġornat, denotat b'numru tal-estensjoni li għandu jiġi miżjud f'konformità man-numru ta' estensjonijiet suċċessivi li ngħataw preċedentement. Iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandu juri b'mod ċar ir-raġuni għall-estensjoni u d-data tal-estensjoni.

▼B

3. Kull meta paġni tal-pakkett ta' informazzjoni jiġu emendati jew verżjoni aġġornata kkonsolidata tiġi stabbilita, l-indiċi għall-pakkett ta' informazzjoni mehmuż maċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandu jiġi emendat kif xieraq sabiex jindika d-data tal-aktar estensjoni jew reviżjoni reċenti, jew id-data tal-aktar konsolidazzjoni reċenti tal-verżjoni aġġornata.

4. Ma għandha tkun meħtieġa ebda emenda għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tip ta' magna jew familja ta' magni jekk rekwiżit ġdid imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 2 ikun, minn perspettiva teknika, irrelevanti għal dak it-tip ta' magna jew għal dik il-familja ta' magni fir-rigward tar-rendiment tal-emissjonijiet tagħha.

Artikolu 29

Ħruġ u notifika tal-emendi

1. Fil-każ ta' reviżjoni ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha toħroġ lill-applikant, mingħajr dewmien mhux ġustifikat, id-dokumenti riveduti jew il-verżjoni aġġornata u kkonsolidata, skont kif xieraq, inkluż l-indiċi rivedut għall-pakkett ta' informazzjoni, kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(1).

2. Fil-każ ta' estensjoni ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha toħroġ lill-applikant, mingħajr dewmien mhux ġustifikat, iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE aġġornat imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(2), inklużi l-annessi għalih, u l-indiċi tal-pakkett ta' informazzjoni.

3. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha, permezz tal-IMI, tinnotifika lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn bi kwalunkwe emenda li ssir fl-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 22(5).

Artikolu 30

Validità ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE

1. L-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE għandhom jinħarġu għal perijodu ta' żmien bla limitu.

2. Approvazzjoni tat-tip tal-UE għal magna għandha ssir invalida fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) fejn rekwiżiti ġodda applikabbli għat-tip ta' magna approvata jew, fejn applikabbli, għall-familja ta' magni, isiru obbligatorji għat-tqegħid fis-suq tagħha u ma jkunx possibbli li l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tiġi estiża jew riveduta kif xieraq;

(b) fejn il-produzzjoni tat-tip ta' magna jew tal-familja ta' magni approvati titwaqqaf b'mod definittiv u volontarjament;

(c) fejn il-validità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE tiskadi minħabba restrizzjoni, f'konformità mal-Artikolu 35(3);

(d) fejn l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tkun ġiet irtirata f'konformità mal-Artikoli 26(5), 39(1) jew 40(3).

▼B

3. Fejn il-kondizzjonijiet għall-validità ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' familja ta' magni ma baqgħux jiġu ssodisfati fir-rigward ta' tip wieħed biss ta' magna f'familja ta' magni, l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-familja ta' magni inkwistjoni għandha ssir invalida biss safejn ikun ikkonċernat dak it-tip ta' magna partikolari.

4. Fejn il-produzzjoni ta' tip ta' magna jew, fejn applikabbli, familja ta' magni titwaqqaf b'mod definittiv, il-fabbrikant għandu jinnotifika lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE korrispondenti b'dak it-twaqqif.

Fi żmien xahar minn meta tirċievi dik n-notifika, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għat-tip ta' magna jew familja ta' magni għandha tinforma lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn b'dan.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, fejn approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tip ta' magna jew, fejn applikabbli, familja ta' magni tkun ser issir invalida, il-fabbrikant għandu jinnotifika lill-awtorità tal-approvazzjoni korrispondenti b'dak il-fatt.

F'tali każijiet, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tikkomunika l-informazzjoni kollha rilevanti lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn mingħajr dewmien.

Dik il-komunikazzjoni għandha tispeċifika, b'mod partikolari, id-data tal-produzzjoni u n-numru ta' identifikazzjoni tal-aħħar magna li ġiet fabbrikata.

6. Ir-rekwiżiti tan-notifika msemmija fil-paragrafi 4 u 5 għandhom jitqiesu li jkunu ġew issodisfati fejn l-informazzjoni rilevanti tkun tqiegħdet fuq l-IMI.

KAPITOLU VII

DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ U MARKI

Artikolu 31

Dikjarazzjoni tal-konformità

1. Il-fabbrikant, fil-kapaċità tiegħu bħala d-detentur ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tip ta' magna jew familja ta' magni, għandu jipprovdi dikjarazzjoni tal-konformità ("dikjarazzjoni tal-konformità") sabiex takkumpanja magni li jitqiegħdu fis-suq, abbażi ta':

(a) eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 34(2), (4), (5), (6), (7) jew (8), l-Artikolu 35(4); jew

(b) dispożizzjoni transitorja msemmija fl-Artikolu 58(9), 58(10) jew 58(11).

Id-dikjarazzjoni tal-konformità għandha tispeċifika l-karatteristiċi u restrizzjonijiet partikolari li għandhom japplikaw għall-magna, għandha tiġi pprovduta mingħajr ħlas flimkien mal-magna u għandha, fejn applikabbli, takkumpanja lill-magna mobbli mhux tat-triq fejn tiġi installata l-magna. Il-konsenja tagħha m'għandhiex tkun dipendenti minn talba espliċita jew mis-sottomissjoni ta' informazzjoni addizzjonali lill-fabbrikant. Id-dikjarazzjoni tal-konformità tista' tingħata f'forma ta' fajl elettroniku sigur.

▼B

Għal perijodu ta' 10 snin wara d-data tal-produzzjoni tal-magna, il-fabbrikant għandu, fuq it-talba tal-utent aħħari, joħroġ kopja duplikata tad-dikjarazzjoni tal-konformità wara ħlas ta' ammont li ma jaqbiżx l-ispiża tal-ħruġ tagħha. Il-kelma "kopja" għandha tkun tidher b'mod ċar fuq kull dikjarazzjoni tal-konformità duplikata tali.

2. Id-dikjarazzjoni tal-konformità għandha titħejja mill-inqas b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

Kull Stat Membru jista' jitlob mill-fabbrikant li d-dikjarazzjoni tal-konformità tiġi tradotta fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tiegħu.

3. Il-persuna jew persuni i awtorizzati biex jiffirmaw id-dikjarazzjonijiet tal-konformità għandhom jappartjenu lill-organizzazzjoni tal-fabbrikant u għandhom ikunu debitament awtorizzati mill-ġesturi ta' dik l-organizzazzjoni sabiex jassumu b'mod sħiħ ir-responsabbiltà legali tal-fabbrikant fir-rigward tad-disinn u l-kostruzzjoni, jew fir-rigward tal-konformità tal-produzzjoni, tal-magna.

4. Id-dikjarazzjoni tal-konformità għandha timtela kollha kemm hi u ma għandu jkun fiha l-ebda restrizzjoni fir-rigward tal-użu tal-magna għajr dawk previsti f'dan ir-Regolament.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jistipulaw il-mudell għad-dikjarazzjoni tal-konformità, inklużi l-karatteristiċi mmirati biex jipprevjenu l-falsifikazzjoni u biex jippermettu l-verifika tal-fajl elettroniku sigur. Għal dak il-għan, l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jipprovdu l-karatteristiċi tas-sigurtà li jintużaw għall-protezzjoni tad-dikjarazzjoni tal-konformità. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati, sal-31 ta' Diċembru 2016, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

Artikolu 32

Marki statutorji tal-magni

1. Il-fabbrikant għandu jwaħħal marka ma' kull magna fabbrikata f'konformità mat-tip approvat ("il-marka statutorja").

2. Fir-rigward tal-magni li ġejjin, il-marka statutorja għandha tinkludi informazzjoni supplementari li tindika li l-magna hija soġġetta għall-eżenzjoni jew id-dispożizzjoni transitorja rilevanti:

(a) magni għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 34(1) li huma fabbrikati fl-Unjoni jew barra mill-Unjoni u sussegwentement installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq fl-Unjoni;

(b) magni li jitqiegħdu fis-suq f'konformità mal-Artikolu 34(2) (5), (6) jew (8);

(c) magni li jitqiegħdu fis-suq temporanjament f'konformità mal-Artikolu 34(4);

▼B

(d) magni transitorji li jitqiegħdu fis-suq f'konformità mal-Artikolu 58(5);

(e) magni ta' sostituzzjoni li jitqiegħdu fis-suq f'konformità mal-Artikolu 34(7), l-Artikolu 58(10) jew (11).

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jistipulaw il-mudell għall-marka statutorja, inkluża l-informazzjoni essenzjali obbligatorja meħtieġa meta l-magna tħalli l-linja tal-produzzjoni, l-informazzjoni essenzjali obbligatorja tagħha qabel ma titqiegħed il-magna fis-suq u, fejn applikabbli, l-informazzjoni supplementari msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati, sal-31 ta' Diċembru 2016, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

Artikolu 33

Marka temporanja tal-magni

1. Il-fabbrikant għandu jwaħħal marka temporanja ma' kull magna li hija fabbrikata f'konformità mat-tip approvat u li titqiegħed fis-suq abbażi tal-Artikolu 34(3).

2. Magna li ma għadha mhijiex f'konformità mat-tip approvat u li tkun qed tiġi konsenjata lill-fabbrikant ta' dik il-magna għandu jkollha biss marka temporanja.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jistipulaw il-mudell għall-marki temporanji msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, inkluża l-informazzjoni essenzjali obbligatorja li għandha tiġi indikata fuqhom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati, sal-31 ta' Diċembru 2016, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

KAPITOLU VIII

EŻENZJONIJIET

Artikolu 34

Eżenzjonijiet ġenerali

1. Ħlief fir-rigward tal-punt (a) tal-Artikolu 32(2), il-magni għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi m'għandhomx ikunu soġġetti għal dan ir-Regolament.

2. Ħlief fir-rigward tal-punt (b) tal-Artikolu 32(2), il-magni għall-użu mill-forzi armati m'għandhomx ikunu soġġetti għal dan ir-Regolament.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, is-servizzi tat-tifi tan-nar, is-servizzi tad-difiża ċivili, il-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku u s-servizzi ta' emerġenza medika m'għandhomx jitqiesu parti mill-forzi armati.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 32, u bil-kunsens tal-OEM, fabbrikant jista' jikkunsinja lil dak l-OEM magna separatament mis-sistema ta' posttrattament tal-egżost tagħha.

▼B

4. Minkejja l-Artikolu 5(3), l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw it-tqegħid temporanju fis-suq, għall-finijiet tal-ittestjar fuq il-post, ta' magni li ma kellhomx it-tip approvat tal-UE f'konformità ma' dan ir-Regolament.

5. Minkejja l-Artikoli 18(2) u 22(3), l-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE għal, u jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta', magni li jissodisfaw il-valuri tal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati għall-magni bi skop speċjali stabbiliti fl-Anness VI, bil-kondizzjoni li l-magni jkunu intenzjonati għal installazzjoni f'makkinarju mobbli mhux tat-triq li ser tintuża f'atmosferi potenzjalment esplożivi, kif definiti fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

6. Minkejja l-Artikoli 18(2) u 22(3), l-Istati Membri jistgħu, fuq talba, jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE għal, u jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta', magni li jissodisfaw il-valuri tal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati għall-magni bi skop speċjali stabbiliti fl-Anness VI, bil-kondizzjoni li l-magni jkunu intenzjonati għal installazzjoni f'makkinarju mobbli mhux tat-triq li jintuża esklużivament għall-varar u l-irkupru ta' dgħajjes tas-salvataġġ operati minn servizz nazzjonali tas-salvataġġ.

7. Minkejja l-Artikoli 5(3) u 18(2), fir-rigward tal-magni li tal-kategoriji RLL jew RLR u li tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni fil-31 ta' Diċembru 2011 jew qabel, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta' magni ta' sostituzzjoni jekk l-awtorità tal-approvazzjoni, wara eżami, tirrikonoxxi u tikkonkudi li l-installazzjoni ta' magna li tikkonforma mal-limiti tal-emissjonijiet applikabbli stabbiliti fit-Tabelli II-7 u II-8 tal-Anness II tkun ser tinvolvi diffikultajiet tekniċi sinifikanti. F'tali każ, il-magni ta' sostituzzjoni għandhom tikkonforma mal-limiti tal-emissjonijiet li kien ikollhom bżonn tissodisfa biex ikunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni fil-31 ta' Diċembru 2011, jew inkella għandhom jikkonformaw ma' limiti tal-emissjonijiet aktar rigoruż.

Fir-rigward tal-magni fil-kategoriji RLL u RLR li kienu tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni wara l-31 ta' Diċembru 2011, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta' magni ta' sostituzzjoni li jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet li l-magni li għandhom jiġu sostitwita kellhom jissodisfaw meta kienu tqiegħdu oriġinarjament fis-suq tal-Unjoni.

8. Fir-rigward tal-magni fil-kategoriji RLL jew RLR, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta' magni li jikkonformaw mal-aħħar limiti tal-emissjonijiet applikabbli definiti fil-leġiżlazzjoni rilevanti applikabbli fil-5 ta' Ottubru 2016, sakemm:

(a) dawk il-magni jkunu parti minn proġett li ikun fi stadju avvanzat ta' żvilupp fis-6 ta' Ottubru 2016, kif definit fid-Direttiva 2008/57/KE; u

(b) l-użu ta' magni li jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet applikabbli stabbiliti fit-Tabelli II-7 jew II-8 tal-Anness II jwassal għal spejjeż sproporzjonati.

([1]) Id-Direttiva 2014/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għal tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosferi potenzjalment esplożivi (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 309).

▼B

Sas-17 ta' Settembru 2017, kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni l-lista ta' kwalunkwe proġett bħal dan.

9. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 55 għall-iskop li jissuplimentaw dan ir-Regolament b'kondizzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi ddettaljati għal:

(a) il-konsenja ta' magna separatament mis-sistema ta' posttrattament tal-egżost tagħha minn fabbrikant lil OEM, kif imsemmi fil-paragrafu 3;

(b) it-tqegħid temporanju fis-suq, għall-finijiet tal-ittestjar fuq il-post, ta' magni li ma kellhomx it-tip approvat tal-UE f'konformità ma' dan ir-Regolament, kif imsemmi fil-paragrafu 4;

(c) l-għoti tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal, u l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta', magni li jissodisfaw il-valuri tal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati għal magni bi skop speċjali stabbiliti fl-Anness VI, kif imsemmi fil-paragrafi 5 u 6.

Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sal-31 ta' Diċembru 2016.

Artikolu 35

Eżenzjonijiet għal teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda

1. Fabbrikant jista' japplika għal approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward ta' tip ta' magna jew familja ta' magni li tinkorpora teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda u li, b'riżultat ta' dawk it-teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda, hija inkompatibbli ma' wieħed jew aktar mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-UE msemmija fil-paragrafu 1 meta jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-applikazzjoni tgħid x'inhuma r-raġunijiet għaliex it-teknoloġiji ġodda jew il-kunċetti ġodda jagħmlu t-tip ta' magna jew il-familja ta' magni inkompatibbli ma' wieħed jew aktar mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;

(b) l-applikazzjoni tiddeskrivi l-implikazzjonijiet ambjentali tat-teknoloġiji ġodda jew il-kunċetti ġodda u l-miżuri meħuda sabiex jiġi żgurat livell ta' protezzjoni ambjentali li hu mill-inqas ekwivalenti għal-livell ipprovdut mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament li minnhom tintalab eżenzjoni;

(c) jiġu ppreżentati deskrizzjonijiet u riżultati ta' testijiet li jservu ta' prova li l-kondizzjoni fil-punt (b) tkun sodisfatta.

3. L-għoti tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni.

▼B

Fejn ikun xieraq, l-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni għandha tispeċifika jekk hijiex soġġetta għal xi restrizzjonijiet.

L-awtorizzazzjoni għandha tingħata permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

4. Sakemm tittieħed id-deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3, l-awtorità tal-approvazzjoni tista' toħroġ approvazzjoni tat-tip tal-UE proviżorja li għandha tkun valida:

(a) fit-territorju ta' dak l-Istat Membru biss;

(b) fir-rigward ta' tip ta' magna jew familja ta' magni koperta mill-eżenzjoni mitluba biss; u

(c) għal mill-inqas 36 xahar.

Fejn tinħareġ approvazzjoni tat-tip tal-UE proviżorja, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn b'dan mingħajr dewmien, permezz ta' fajl li jkun fih l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

In-natura proviżorja u l-validità territorjali limitata ta' tali approvazzjoni tat-tip tal-UE għandhom jidhru fl-intestatura taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u fl-intestatura tad-dikjarazzjoni tal-konformità korrispondenti.

5. Fejn awtorità tal-approvazzjoni tiddeċiedi li taċċetta l-approvazzjoni tat-tip tal-UE proviżorja msemmija fil-paragrafu 4 fit-territorju tagħha hija għandha tinforma lill-awtorità tal-approvazzjoni rilevanti u lill-Kummissjoni bil-miktub b'dan.

6. Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tagħtix l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tinnotifika minnufih lid-detentur tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE proviżorja msemmija fil-paragrafu 4 li l-approvazzjoni tat-tip tal-UE proviżorja ser tiġi revokata sitt xhur wara d-data tar-rifjut tal-Kummissjoni.

Minkejja d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tagħtix l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, il-magni manifatturati f'konformità mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE proviżorja qabel ma din ma tibqax valida jistgħu jitqiegħdu fis-suq ta' kwalunkwe Stat Membru li l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tagħha jkunu aċċettaw l-approvazzjoni tat-tip tal-UE proviżorja.

7. Ir-rekwiżiti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4 u fil-paragrafu 5 għandhom jitqiesu li ġew issodisfati fejn l-informazzjoni rilevanti tkun tqiegħdet fuq l-IMI.

▼B

8. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

9. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw il-mudelli armonizzati għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u għad-dikjarazzjoni tal-konformità msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, inkluża l-informazzjoni essenzjali obbligatorja tagħhom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati, sal-31 ta' Diċembru 2016, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

Artikolu 36

Adattament sussegwenti ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni

1. Meta l-Kummissjoni tawtorizza l-għoti ta' eżenzjoni skont l-Artikolu 35, hija għandha tieħu l-passi meħtieġa immedjatament biex jiġu adattati l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni kkonċernati għall-iżviluppi teknoloġiċi.

Meta l-eżenzjoni awtorizzata skont l-Artikolu 35 tkun relatata ma' kwistjoni li hija regolata minn regolament tal-UNECE, il-Kummissjoni għandha tipproponi emenda għal dak ir-regolament f'konformità mal-proċedura applikabbli skont il-Ftehim Rivedut tal-1958.

2. Hekk kif jiġu emendati l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tneħħi kwalunkwe restrizzjoni imposta mid-deċiżjoni li tawtorizza l-eżenzjoni.

Meta l-passi meħtieġa biex jiġu adattati l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni ma jkunux ittieħdu, il-Kummissjoni tista', fuq talba tal-Istat Membru li ta l-approvazzjoni proviżorja tat-tip tal-UE, tawtorizza lil dak l-Istat Membru biex jestendiha permezz ta' deċiżjoni fil-forma ta' att ta' implimentazzjoni adottata f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

KAPITOLU IX

RAPPORTAR U VERIFIKA TAL-PRODUZZJONI

Artikolu 37

Obbligi tal-fabbrikanti fir-rigward tar-rapportar tal-produzzjoni

1. Il-fabbrikant għandu jippreżenta lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE lista li tinkludi l-għadd ta' magni għal kull tip ta' magna u subkategorija ta' magna li tiġi prodotta f'konformità ma' dan ir-Regolament u f'konformità mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE minn meta ġie ppreżentat l-aħħar rapport tal-produzzjoni, jew minn meta kienu saru applikabbli għall-ewwel darba r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

▼B

Dik il-lista għandha tiġi ppreżentata:

(a) fi żmien 45 jum wara t-tmiem ta' kull sena kalendarja;

(b) immedjatament wara kull waħda mid-dati tat-tqegħid fis-suq ta' magni msemmija fl-Anness III; u

(c) sa kwalunkwe data oħra li l-awtorità tal-approvazzjoni tista' tistipula.

2. Il-lista msemmija fil-paragrafu 1 għandha tispeċifika kif in-numri ta' identifikazzjoni jikkorrelataw mat-tipi ta' magni jew għall-familji ta' magni korrispondenti u, fejn applikabbli, man-numri tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE fejn dawk il-korrelazzjonijiet ma jkunx identifikati mis-sistema ta' kodifikazzjoni tal-magna.

3. Il-lista msemmija fil-paragrafu 1 għandha tindika kwalunkwe każ li fih il-fabbrikant jieqaf jipproduċi tip ta' magna jew familja ta' magni approvati.

4. Il-fabbrikant għandu jżomm kopja tal-lista msemmija fil-paragrafu 1 għal perijodu minimu ta' 20 sena wara t-tmiem tal-validità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE kkonċernata.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw il-format tal-lista msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati, sal-31 ta' Diċembru 2016, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

Artikolu 38

Miżuri ta' verifika

1. L-awtorità tal-approvazzjoni ta' Stat Membru li tkun tat approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li, fejn xieraq b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn, n-numri ta' identifikazzjoni li jirrigwardaw l-approvazzjoni tat-tip tal-UE jiġu allokati kif suppost lill-fabbrikanti, u użati kif xieraq minnhom, qabel ma l-magna ta' tip approvat titqiegħed jew issir disponibbli fis-suq.

2. Tista' ssir verifika addizzjonali tan-numri ta' identifikazzjoni flimkien mal-kontroll tal-konformità tal-produzzjoni stipulat fl-Artikolu 26.

3. Fir-rigward tal-verifika tan-numri ta' identifikazzjoni, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant tal-fabbrikant għandu, fuq talba, jagħti lill-awtorità tal-approvazzjoni responsabbli, mingħajr dewmien, l-informazzjoni meħtieġa rigward ix-xerrejja tal-fabbrikant, flimkien man-numri ta' identifikazzjoni tal-magni rrapportati bħala li ġew iffabbrikati f'konformità mal-Artikolu 37. Fejn il-magni jkunu magħmula disponibbli għal OEM, m'għandha tkun meħtieġa l-ebda informazzjoni addizzjonali tal-fabbrikant.

▼B

4. Jekk, wara talba mill-awtorità tal-approvazzjoni, il-fabbrikant ma jkunx jista' juri konformità mar-rekwiżiti statutorji tal-immarkar, l-awtorità tal-approvazzjoni tista' tirtira l-approvazzjoni tat-tip tal-UE mogħtija fir-rigward tat-tip ta' magna jew tal-familja ta' magni korrispondenti. Il-proċedura tal-informazzjoni għandha titwettaq kif stabbilit fl-Artikolu 39(4). L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin fi żmien xahar dwar kwalunkwe approvazzjoni tat-tip tal-UE li ġiet rtirata u dwar ir-raġunijiet għal dak l-irtirar, skont l-Artikolu 22(5)

KAPITOLU X

KLAWŻOLI TA' SALVAGWARDJA

Artikolu 39

Magni mhux konformi mat-tip approvat

1. Meta l-magni li jkollhom marka statutorja u, fejn applikabbli, akkumpanjati minn dikjarazzjoni tal-konformità ma jkunux f'konformità mat-tip ta' magna jew mal-familja ta' magni approvati, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li l-magni fil-produzzjoni jinġiebu f'konformità mat-tip ta' magna jew mal-familja ta' magni approvati. Tali miżuri jistgħu jinkludu l-irtirar tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jekk l-azzjoni korrettiva meħuda mill-fabbrikant ma tkunx adegwata.

L-awtorità tal-approvazzjoni rilevanti għandha tinforma lill-awtoritajiet ta' approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħra bil-miżuri li ttieħdu.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, id-devjazzjonijiet mid-dettalji stabbiliti fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew fil-pakkett ta' informazzjoni, fejn dawk id-devjazzjonijiet ma jkunux ġew awtorizzati f'konformità mal-Kapitolu VI, għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu nuqqas ta' konformità mat-tip ta' magna jew mal-familja ta' magni approvati.

3. Meta awtorità tal-approvazzjoni ssib li l-magni akkumpanjati minn dikjarazzjoni tal-konformità, jekk applikabbli, jew li jkollhom marka ta' approvazzjoni tat-tip maħruġa fi Stat Membru ieħor ma jkunux f'konformità mat-tip ta' magna jew mal-familja ta' magni approvati, hija tista' titlob lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE sabiex tivverifika li l-magni fil-produzzjoni jkomplu jkunu konformi mat-tip ta' magna jew mal-familja ta' magni approvati. Mal-wasla ta' tali talba, l-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-azzjoni msemmija fil-paragrafu 1malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data tat-talba.

4. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jinformaw lil xulxin fi żmien xahar dwar kwalunkwe approvazzjoni tat-tip tal-UE li ġiet rtirata u dwar ir-raġunijiet għal dak l-irtirar, skont l-Artikolu 22(5).

5. Meta l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE toġġezzjona għan-nonkonformità li dwarha ġiet innotifikata, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jagħmlu ħilithom biex isolvu t-tilwima.

L-awtorità tal-approvazzjoni għandha żżomm l-Kummissjoni infurmata b'dan u, fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha torganizza konsultazzjonijiet xierqa bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni.

▼B

Artikolu 40

Sejħa lura tal-magni

1. Meta fabbrikant li jkun ingħata approvazzjoni tat-tip tal-UE jkun obbligat, bis-saħħa tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, li jsejjaħ lura l-magni mqiegħda fis-suq, kemm jekk il-magni huma installati jew le f'makkinarju mobbli mhux tat-triq, abbażi tal-fatt li l-magni jirrappreżentaw riskju serju fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent jew tas-saħħa pubblika, dak il-fabbrikant għandu:

(a) immedjatament jinforma lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE; u

(b) jipproponi sett ta' rimedji xierqa sabiex jindirizza r-riskju serju lil dik l-awtorità tal-approvazzjoni.

2. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tikkomunika r-rimedji proposti lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jiżguraw li r-rimedji jiġu implimentati b'mod effikaċi fl-Istati Membri rispettivi tagħhom.

3. Meta awtorità tal-approvazzjoni tqis li ir-rimedji jkunu insuffiċjenti jew li ma jkunux ġew implimentati malajr biżżejjed, hija għandha, mingħajr dewmien. tinforma lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE b'dan.

Meta sussegwentement il-fabbrikant jonqos milli jipproponi u jimplimenta miżuri korrettivi effettivi, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-miżuri kollha ta' protezzjoni meħtieġa, inkluż l-irtirar tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

Fil-każ li tiġi rtirata l-approvazzjoni tat-tip tal-UE, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha, fi żmien xahar minn dak l-irtirar, tinforma lill-fabbrikant, lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan permezz ta' ittra rreġistrata jew mezzi elettroniċi ekwivalenti.

Artikolu 41

Notifika ta' deċiżjonijiet u rimedji disponibbli

1. Id-deċiżjonijiet tat-tip li ġejjin jew għall-fini li ġejja għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom huma bbażati:

(a) li ttieħdu skont dan ir-Regolament;

(b) li jirrifjutaw jew li jirtiraw approvazzjoni tat-tip tal-UE;

(c) li jirrikjedu li magna tissejjaħ lura mis-suq; jew;

▼B

(d) li jipprojbixxu, jirrestriġu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq ta' magna; jew

(e) li jipprojbixxu, jirrestriġu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq li fih magna li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament hija installata.

2. L-awtoritajiet ta' approvazzjoni għandhom jinnotifikaw lill-parti kkonċernata dwar:

(a) kwalunkwe deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1;

(b) ir-rimedji disponibbli għaliha skont il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat u dwar il-limiti ta' żmien applikabbli għal dawk ir-rimedji.

KAPITOLU XI

REGOLAMENTI INTERNAZZJONALI U GĦOTI TA' INFORMAZZJONI TEKNIKA

Artikolu 42

Aċċettazzjoni ta' approvazzjonijiet tat-tip għal magni ekwivalenti

1. L-Unjoni tista', fil-qafas ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, tirrikonoxxi l-ekwivalenza bejn il-kondizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip ta' magni tal-UE stabbiliti minn dan ir-Regolament u l-proċeduri stabbiliti minn regolamenti internazzjonali jew regolamenti ta' pajjiżi terzi.

2. L-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija u l-marki statutorji li huma f'konformità mar-regolamenti tal-UNECE, jew l-emendi għalihom, li l-Unjoni vvotat favurihom jew li magħhom aderixxiet kif stabbilit fl-att delegat imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 4, għandhom jiġu rikonoxxuti bħala ekwivalenti għall-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE mogħtija u l-marki statutorji meħtieġa skont dan ir-Regolament.

3. L-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE mogħtija abbażi tal-atti tal-Unjoni elenkati fl-att delegat imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 4 għandhom jiġu rikonoxxuti li jkunu ekwivalenti għall-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE mogħtija f'konformità ma' dan ir-Regolament.

4. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 55 li jissuplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu:

(a) il-lista ta' regolamenti tal-UNECE, jew l-emendi għalihom, inkluż kwalunkwe rekwiżit stabbilit fihom b'rabta mal-applikazzjoni tagħhom, li l-Unjoni vvotat favurihom jew li magħhom aderixxiet, u li għandhom japplikaw għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tipi ta' magni u familji ta' magni li għandhom jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq;

▼B

(b) il-lista ta' atti tal-Unjoni li bis-saħħa tagħhom jingħataw approvazzjonijiet tat-tip tal-UE, inkluż kwalunkwe rekwiżit stabbilit fihom b'rabta mal-applikazzjoni tagħhom.

Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sal-31 ta' Diċembru 2016.

Artikolu 43

Informazzjoni u istruzzjonijiet intenzjonati għall-OEMs u għall-utenti finali

1. Fabbrikant ma għandux iforni lill-OEMs jew lill-utenti finali kwalunkwe informazzjoni teknika relatata mad-dettalji previsti f'dan ir-Regolament li tiżvija mid-dettalji approvati mill-awtorità tal-approvazzjoni.

2. Il-fabbrikant għandu jagħmel disponibbli għall-OEMs l-informazzjoni u l-istruzzjonijiet kollha rilevanti li huma meħtieġa għall-installazzjoni korretta tal-magna fil-makkinarju mobbli mhux tat-triq, inkluża deskrizzjoni ta' kwalunkwe kondizzjoni jew restrizzjoni speċjali marbuta mal-installazzjoni jew l-użu tal-magna.

3. Il-fabbrikant għandu jagħmel disponibbli għall-OEMs l-informazzjoni u l-istruzzjonijiet kollha rilevanti meħtieġa intenzjonati għall-utent finali, inkluża deskrizzjoni b'mod partikolari dawk li jiddeskrivu kwalunkwe kondizzjoni jew restrizzjoni speċjali marbuta mal-użu ta' magna.

4. Il-fabbrikanti għandhom jagħmlu disponibbli għall-OEMs il-valur tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju (CO_2) stabbilit matul il-proċess tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u għandhom jagħtu struzzjonijiet lill-OEMs sabiex jikkomunikaw dik l-informazzjoni, flimkien ma' informazzjoni ta' spjegazzjoni dwar il-kondizzjonijiet tat-testijiet, lill-utent finali tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq li fih huwa maħsub li tiġi installata l-magna.

5. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 55 li jissuplimentaw dan ir-Regolament billi jistipulaw id-dettalji dwar l-informazzjoni u l-istruzzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sal-31 ta ' Diċembru 2016.

Artikolu 44

Skambju ta' data u informazzjoni permezz tal-IMI

1. L-iskambju ta' data u informazzjoni relatat mal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE bejn l-awtoritajiet nazzjonali, jew bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni fil-qafas ta' dan ir-Regolament għandu jkun f'format elettroniku permezz tal-IMI.

2. Kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tirrigwarda l-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE mogħtija f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tinġabar ċentralment u ssir aċċessibbli għall-awtoritajiet nazzjonali u għall-Kummissjoni permezz tal-IMI.

▼B

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li l-IMI:

(a) tagħmel possibbli l-iskambju ta' data u informazzjoni bejn il-fabbrikanti jew is-servizzi tekniċi, minn naħa, u l-awtoritajiet nazzjonali jew il-Kummissjoni, min-naħa l-oħra;

(b) tipprovdi l-aċċess pubbliku għal ċerta data u informazzjoni marbuta mar-riżultati tal-approvazzjonijiet tat-tip u r-riżultati tal-monitoraġġ tal-magni fis-servizz;

(c) fejn adatt u teknikament u ekonomikament fattibbli, u bi qbil mal-Istati Membri kkonċernati, tipprovdi faċilitajiet għat-trasferiment awtomatiku ta' data bejn il-bażijiet tad-data nazzjonali eżistenti u l-IMI.

(4) L-użi tal-IMI imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikunu fakultattivi.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw il-proċeduri u r-rekwiżiti tekniċi ddettaljati li huma meħtieġa għall-interkonnessjoni tal-IMI mal-bażijiet tad-data nazzjonali eżistenti kif imsemmija fil-punt (c) ta-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati, sal-31 ta' Diċembru 2016, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

KAPITOLU XII

NOMINA U NOTIFIKA TA' SERVIZZI TEKNIĊI

Artikolu 45

Rekwiżiti relatati mas-servizzi tekniċi

1. Servizz tekniku għandu jiġi nnominat minn awtorità tal-approvazzjoni skont l-Artikolu 47 u għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 2 sa 9 ta' dan l-Artikolu.

2. Servizz tekniku għandu jkun stabbilit skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru u jkollu personalità ġuridika.

3. Is-servizz tekniku għandu jkun korp terz indipendenti mill-proċess tad-disinn, tal-fabbrikazzjoni, tal-provvista jew tal-manutenzjoni tal-magna li huwa jivvaluta.

Korp li jappartjeni għal assoċjazzjoni kummerċjali jew federazzjoni professjonali li tirrappreżenta impriżi involuti fid-disinn, fil-fabbrikazzjoni, fil-forniment, fl-immuntar, fl-installazzjoni, fl-użu jew fil-manutenzjoni tal-magni li huwa jivvaluta, jittestja jew jispezzjona jista', sakemm jintwerew l-indipendenza tiegħu u n-nuqqas ta' konflitt ta' interess, jitqies li jissodisfa r-rekwiżiti tal-ewwel subparagrafu.

4. Is-servizz tekniku, inkluż it-tmexxija fl-ogħla livell tiegħu u l-persunal responsabbli mit-twettiq tal-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom is-servizz tekniku huwa nnominat f'konformità mal-Artikolu 47(1), ma għandux ikun id-disinjatur, il-fabbrikant, il-fornitur, l-installatur jew dak li jagħmel il-manutenzjoni tal-magni li huwa jivvaluta, u ma għandux jirrappreżenta lill-partijiet involuti f'dawk l-attivitajiet. Din ir-restrizzjoni ma għandhiex tipprekludi l-użu ta' magni vvalutati msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu li huma meħtieġa għall-operat tas-servizz tekniku jew għall-użu ta' tali magni għal skopijiet personali.

Is-servizz tekniku għandu jiżgura li l-attivitajiet tas-sussidjarji jew tas-subkuntratturi tiegħu ma jaffettwawx il-kunfidenzjalità, l-oġġettività jew l-imparzjalità tagħha fir-rigward tal-kategoriji tal-attivitajiet li għalihom huwa ġie nnominat.

▼B

5. Is-servizz tekniku għandu jwettaq il-kategoriji ta' attivitajiet, li għalihom tali servizz tekniku jkun ġie nnominat, bl-ogħla livell ta' integrità professjonali u bil-kompetenza teknika meħtieġa fil-qasam speċifiku u l-persunal tiegħu għandu jkun ħieles minn kwalunkwe pressjoni jew kondizzjonament, b'mod partikolari finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tiegħu jew ir-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tiegħu, speċjalment dawk il-pressjonijiet jew il-kondizzjonamenti li jirriżultaw minn persuni jew gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultati ta' dawk l-attivitajiet.

6. Is-servizz tekniku għandu juri lill-awtorità tal-approvazzjoni li tinnominah li huwa kapaċi jwettaq il-kategoriji kollha ta' attivitajiet li għalihom qed ifittex li jiġi innominat f'konformità mal-Artikolu 47(1), billi jiżgura li jkollu:

(a) persunal bil-ħiliet xierqa u għarfien tekniku u taħriġ vokazzjonali speċifiku, kif ukoll esperjenza xierqa u suffiċjenti sabiex iwettaq il-kompitu;

(b) deskrizzjonijiet tal-proċeduri rilevanti għall-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom qiegħed ifittex li jiġi nnominat, sabiex b'hekk jiżgura t-trasparenza u r-riproduċibbiltà ta' dawk il-proċeduri;

(c) proċeduri għat-twettiq tal-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom qiegħed ifittex li jiġi nnominat, li jieħdu kont dovut tal-livell ta' kumplessità tat-teknoloġija tal-magna inkwistjoni u ta' jekk il-magna hijiex fabbrikata f'konformità mal-proċess ta' produzzjoni tas-serje jew tal-massa; u

(d) il-mezzi meħtieġa għat-twettiq b'mod xieraq tal-kompiti konnessi mal-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom qiegħed ifittex li jiġi nnominat u li huwa jkollu aċċess għat-tagħmir jew għall-faċilitajiet kollha li huma meħtieġa.

7. Is-servizz tekniku, inkluż it-tmexxija fl-ogħla livell tiegħu u l-persunal tal-valutazzjoni, għandhom ikunu imparzjali u ma għandhomx jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe attività li tista' tkun konfliġġenti mal-indipendenza tal-ġudizzju jew l-integrità tagħhom fir-rigward tal-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom is-servizz tekniku jkun innominat.

8. Is-servizz tekniku għandu jissottoskrivi assigurazzjoni fuq ir-responsabbiltà li tkopri l-attivitajiet tiegħu, sakemm ir-responsabbiltà ma tingarrx mill-Istat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali jew sakemm l-Istat Membru nnifsu ma jkunx direttament responsabbli mill-valutazzjoni.

9. Il-membri tal-persunal ta' servizz tekniku għandhom ikunu marbutin bis-sigriet professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba fit-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament jew kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li tagħtih effett.

Il-membri tal-persunal ta' servizz tekniku ma għandhomx ikunu marbutin bl-obbligu msemmi fl-ewwel subparagrafu fir-rigward tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni mal-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina, jew fejn tali kondiviżjoni tkun meħtieġa mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali.

Id-drittijiet proprjetarji għandhom ikunu protetti.

▼B

Artikolu 46

Sussidjarji tas-servizzi tekniċi u għoti ta' subkuntratti minnhom

1. Is-servizz tekniku jista', biss bil-qbil tal-awtorità tal-approvazzjoni li tinnominahom, jagħti b'subkuntratt kompiti speċifiċi konnessi mal-kategoriji tal-attivitajiet li għalihom ikun ġie nnominat f'konformità mal-Artikolu 47(1), jew inkella jwettaq dawk l-attivitajiet permezz ta' sussidjarju.

F'tali każijiet, is-servizz tekniku għandu jiżgura li s-subkuntrattur jew is-sussidjarju jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 45 u għandu jinforma lill-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina skont dan.

2. Is-servizz tekniku għandu jerfgħu r-responsabbiltà sħiħa għall-kompiti mwettqa minn kwalunkwe wieħed mis-subkuntratturi jew sussidjarji tiegħu, irrispettivament mill-post tal-istabbiliment tagħhom..

3. Is-servizz tekniku għandu jżomm id-dokumenti rilevanti li jikkonċernaw il-valutazzjoni tal-kwalifiki tas-subkuntrattur jew tas-sussidjarju u l-kompiti mwettqa minnhom għad-dispożizzjoni tal-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina.

Artikolu 47

Nomina ta' servizzi tekniċi

1. L-awtoritajiet ta' approvazzjoni għandhom jinnominaw servizzi tekniċi għal waħda jew aktar mill-kategoriji ta' attivitajiet li ġejjin, skont l-attivitajiet u l-oqsma tal-kompetenza tagħhom:

(a) kategorija A: it-twettiq tat-testijiet imsemmija f'dan ir-Regolament fil-faċilitajiet li jappartjenu lis-servizz tekniku kkonċernat;

(b) kategorija B: is-superviżjoni tat-testijiet imsemmija f'dan ir-Regolament, fejn tali testijiet jitwettqu fil-faċilitajiet ta' fabbrikant jew ta' parti terza;

(c) kategorija C: il-valutazzjoni u l-monitoraġġ fuq bażi regolari tal-proċeduri tal-fabbrikant biex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni;

(d) kategorija D: is-superviżjoni jew it-twettiq ta' testijiet jew spezzjonijiet biex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni.

2. Awtorità tal-approvazzjoni tista' taġixxi bħala servizz tekniku għal waħda jew aktar mill-kategoriji ta' attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. Is-servizzi tekniċi ta' pajjiż terz, minbarra dawk innominati f'konformità ma' dan l-Artikolu, jistgħu jkunu s-soġġett ta' notifika skont l-Artikolu 50 fejn tali rikonoxximent tas-servizzi tekniċi ikun previst minn ftehim bilaterali konkluż bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat.

▼B

Madankollu, servizz tekniku stabbilit f'konformità mal-Artikolu 45(2) jista' jistabbilixxi sussidjarji f'pajjiżi terzi, sakemm is-sussidjarji jkunu ġestiti direttament u kkontrollati minn dak is-servizz tekniku.

Artikolu 48

Proċeduri għall-istandards ta' prestazzjoni u għall-valutazzjoni tas-servizzi tekniċi

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 55 li jissuplimentaw dan ir-Regolament billi jistipulaw:

(a) l-istandards li s-servizzi tekniċi għandhom ikunu konformi magħhom; u

(b) il-proċedura għall-valutazzjoni tas-servizzi tekniċi, inkluż ir-rapport korrispondenti, f'konformità mal-Artikolu 49.

Artikolu 49

Valutazzjoni tal-ħiliet tas-servizzi tekniċi

1. L-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina għandha tħejji rapport ta' valutazzjoni li juri li s-servizz tekniku kandidat kien ivvalutat għall-konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament u l-atti delegati adottati bis-saħħa tiegħu. Ir-rapport ta' valutazzjoni jista' jinkludi ċertifikat ta' akkreditazzjoni maħruġ minn korp tal-akkreditazzjoni nazzjonali li jafferma li s-servizz tekniku jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Il-valutazzjoni li fuqha jkun ibbażat ir-rapport ta' valutazzjoni għandha titwettaq f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati f'att delegat imsemmi fl-Artikolu 48.

2. L-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina għandha tirrevedi r-rapport ta' valutazzjoni tal-anqas darba kull tliet snin.

3. L-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina għandha tikkomunika r-rapport ta' valutazzjoni lill-Kummissjoni fuq talba tal-Kummissjoni. F'tali każijiet, meta l-valutazzjoni ma tkunx ibbażata fuq ċertifikat tal-akkreditazzjoni maħruġ minn korp tal-akkreditazzjoni nazzjonali, l-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bl-evidenza dokumentarja li tafferma dan li ġej:

(a) il-kompetenza tas-servizz tekniku;

(b) l-arranġamenti fis-seħħ biex ikun żgurat li s-servizz tekniku jiġi monitorjat regolarment mill-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina; u

(c) li s-servizz tekniku jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati adottati bis-saħħa tiegħu.

▼B

4. Awtorità tal-approvazzjoni li jkollha l-ħsieb li taġixxi bħala servizz tekniku f'konformità mal-Artikolu 47(2) għandha tiddokumenta l-konformità permezz ta' valutazzjoni mwettqa minn awdituri indipendenti mill-attività vvalutata. Tali awdituri jistgħu jkunu mill-istess organizzazzjoni, sakemm ikunu ġestiti separatament mill-persunal li jwettaq l-attività vvalutata.

Artikolu 50

Proċeduri ta' notifika

1. Għal kull servizz tekniku li huma jkunu nnominaw, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan li ġej:

(a) l-isem tas-servizz tekniku;

(b) l-indirizz, inkluż l-indirizz elettroniku;

(c) il-persuni responsabbli;

(d) il-kategorija ta' attivitajiet; u

(e) kwalunkwe modifika li tirrigwarda n-nomina msemmija fl-Artikolu 47.

2. Servizz tekniku jista' biss iwettaq l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 47(1) f'isem l-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina responsabbli fil-każ li dak is-servizz tekniku jkun ġie nnotifikat minn qabel lill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-istess servizz tekniku jista' jiġi nnominat minn diversi awtoritajiet tal-approvazzjoni li jinnominaw u jiġi nnotifikat mill-Istati Membri ta' dawk l-awtoritajiet tal-approvazzjoni li jinnominaw, irrispettivament mill-kategorija jew kategoriji ta' attivitajiet li jkun ser iwettaq f'konformità mal-Artikolu 47(1).

4. Meta organizzazzjoni speċifika jew korp kompetenti li jwettqu attività mhux inkluża fl-Artikolu 47(1) ikun meħtieġ li jiġu nnominati fl-applikazzjoni ta' att delegat, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu.

5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha lista, flimkien mad-dettalji, tas-servizzi tekniċi li kienu s-suġġett tan-notifika f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Artikolu 51

Tibdil fin-nomini

1. Meta awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina tkun aċċertat jew tkun ġiet informata li servizz tekniku nnominat minnha ma għadux jissodisfa r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament jew inkella li mhux qiegħed jonora l-obbligi tiegħu, hija għandha tirrestrinġi, tissospendi jew tirrevoka n-nomina, kif xieraq, skont is-serjetà tan-nuqqas li jiġu ssodisfati dawk ir-rekwiżiti jew li jiġu onorati dawk l-obbligi.

L-Istat Membru li jipprovdi lill-Kummissjoni b'notifika ta' dak is-servizz tekniku skont l-Artikolu 50(1) għandu jinforma lill-Kummissjoni minnufih dwar tali restrizzjoni, sospensjoni jew revoka.

Il-Kummissjoni għandha timmodifika l-informazzjoni ppubblikata msemmija fl-Artikolu 50(5) skont dan.

▼B

2. Fil-każ tar-restrizzjoni, sospensjoni jew revoka tan-nomina msemmija fil-paragrafu 1, jew meta s-servizz tekniku jkun temm l-attività tiegħu, l-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina għandha tieħu passi xierqa sabiex tiżgura li l-fajls ta' dak is-servizz tekniku jew jiġu pproċessati minn servizz tekniku ieħor jew inkella jinżammu disponibbli għall-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina jew għall-awtoritajiet għas-sorveljanza tas-suq, fuq talba tagħhom.

Artikolu 52

Kontestazzjoni tal-kompetenza tas-servizzi tekniċi

1. Il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-każijiet kollha fejn ikollha dubji, jew fejn jinġiebu dubji għall-attenzjoni tagħha, rigward il-kompetenza ta' servizz tekniku jew l-issodisfar kontinwu minn servizz tekniku tar-rekwiżiti u r-responsabbiltajiet li għalihom huwa soġġett.

2. L-Istat Membru tal-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina għandu, fuq talba, jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha relatata mal-bażi għan-nomina jew maż-żamma tan-nomina tas-servizz tekniku kkonċernat.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni sensittiva kollha miksuba matul l-investigazzjonijiet tagħha tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali.

4. Meta l-Kummissjoni taċċerta li servizz tekniku ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa r-rekwiżiti għan-nomina tiegħu, hija għandha tinforma lill-Istat Membru tal-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina b'dan bil-għan li tistabbilixxi, b'kooperazzjoni ma' dak l-Istat Membru, il-miżuri korrettivi meħtieġa u għandha titlob li dak l-Istat Membru jieħu dawk il-miżuri korrettivi, inkluż ir-revoka tan-nomina jekk ikun meħtieġ.

Artikolu 53

Obbligi operazzjonali tas-servizzi tekniċi

1. Is-servizzi tekniċi għandhom iwettqu l-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom ikunu ġew innominati f'isem l-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina u f'konformità mal-proċeduri tal-ittestjar u tal-valutazzjoni previsti f'dan ir-Regolament u fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu.

Is-servizzi tekniċi għandhom jissorveljaw jew inkella jwettqu huma stess it-testijiet meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew l-ispezzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament jew f'wieħed mill-atti delegati jew ta' implimentazzjoni tiegħu, sakemm ma jkunux permessi proċeduri alternattivi.

Is-servizzi tekniċi m'għandhomx iwettqu testijiet, valutazzjonijiet jew spezzjonijiet li ma ġewx nominati għalihom.

2. Is-servizzi tekniċi għandhom f'kull ħin:

(a) jippermettu lill-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina biex tosservahom fit-twettiq tal-valutazzjonijiet tagħhom, jekk jitqies xieraq minn dik l-awtorità; u

▼B

(b) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 45(9) u għall-Artikolu 54, jipprovdu lill-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina b'dik l-informazzjoni li tista' tintalab dwar il-kategoriji ta' attivitajiet li huma jwettqu u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

3. Meta servizz tekniku jsib li r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament ma ġewx issodisfati minn fabbrikant, huwa għandu jirrapporta dak il-fatt lill-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina, li, mill-parti tagħha, għandha tobbliga lill-fabbrikant jieħu miżuri korrettivi xierqa.

L-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina m'għandhiex toħroġ ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE qabel ma l-fabbrikant ikun ħa l-miżuri korrettivi xierqa għas-sodisfazzjon ta' dik l-awtorità tal-approvazzjoni.

4. Meta, matul il-monitoraġġ tal-konformità tal-produzzjoni wara l-ħruġ ta' ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, servizz tekniku li jaġixxi f'isem l-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina jsib li tip ta' magna jew familja ta' magni ma għadhiex konformi ma' dan ir-Regolament, huwa għandu jirrapporta dak il-fatt lill-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina.

L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tieħu l-miżuri xierqa kif previsti fl-Artikolu 26.

Artikolu 54

Obbligi ta' informazzjoni tas-servizzi tekniċi

1. Is-servizzi tekniċi għandhom jinformaw lill-awtorità tal-approvazzjoni li tinnominahom bi kwalunkwe:

(a) nonkonformità li tista' tirrikjedi rifjut, restrizzjoni, sospensjoni jew irtirar tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE;

(b) ċirkostanzi li jaffettwaw il-kamp ta' applikazzjoni ta', jew il-kondizzjonijiet, għan-nomina tagħhom;

(c) talba għall-informazzjoni minn awtoritajiet għas-sorveljanza tas-suq rigward l-attivitajiet tagħhom.

2. Fuq talba mill-awtorità tal-approvazzjoni li tinnominahom, is-servizzi tekniċi għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tan-nomina tagħhom u dwar kwalunkwe attività oħra mwettqa, inklużi attivitajiet transkonfinali u subkuntrattar.

KAPITOLU XIII

ATTI DELEGATI U ATTI TA ' IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 55

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li tadotta l-atti delegati hija konferita fuq il-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

▼B

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 19(2), l-Artikolu 24(11), l-Artikolu 25(4), l-Artikolu 26(6), l-Artikolu 34(9), l-Artikolu 42(4), l-Artikolu 43(5) u l-Artikolu 48 għandha tiġi konferita lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn … 6 ta' Ottubru 2016.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 19(2), l-Artikolu 24(11), l-Artikolu 25(4), l-Artikolu 26(6), l-Artikolu 34(9), l-Artikolu 42(4), l-Artikolu 43(5) u l-Artikolu 48 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta ' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Hija ma għandha taffettwa l-validità ta ' ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19(2), l-Artikolu 24(11), l-Artikolu 25(4), l-Artikolu 26(6), l-Artikolu 34(9), l-Artikolu 42(4), l-Artikolu 43(5) u l-Artikolu 48 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dak il-perijodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 56

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-"Kumitat Tekniku — Vetturi bil-Mutur" (TCMV) stabbilit bl-Artikolu 40(1) tad-Direttiva 2007/46/KE. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta l-Kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

KAPITOLU XIV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 57

Penali

1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu penali għall-ksur ta' dan ir-Regolament, u tal-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, mill-operaturi ekonomiċi jew l-OEMs. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

▼B

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk id-dispożizzjonijiet sas-7 ta' Ottubru 2018 u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li l-penali jiġu implimentati.

2. Ksur soġġett għal penali għandu jinkludi:

(a) dikjarazzjonijiet foloz, b'mod partikolari matul il-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, il-proċeduri li jwasslu għal sejħa lura jew il-proċeduri relatati mal-eżenzjonijiet;

(b) il-falsifikazzjoni tar-riżultati tat-testijiet relatati ma' approvazzjoni tat-tip tal-UE jew il-monitoraġġ ta' magni fis-servizz;

(c) iż-żamma lura ta' data jew speċifikazzjonijiet tekniċi li jistgħu jwasslu għas-sejħa lura ta' magni, jew għar-rifjut jew l-irtirar ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE;

(d) l-użu ta' strateġiji ta' invalidazzjoni;

(e) ir-rifjut li jingħata aċċess għall-informazzjoni;

(f) it-tqegħid fis-suq ta' magni soġġetti għal approvazzjoni tat-tip tal-UE mingħajr approvazzjoni tat-tip tal-UE, jew il-falsifikazzjoni ta' dokumenti jew marki statutorji bl-intenzjoni li jagħmlu dan;

(g) it-tqegħid fis-suq ta' magni ta' transizzjoni u l-makkinarju mobbli mhux tat-triq fejn jiġu installati tali magni bi ksur tad-dispożizzjonijiet dwar l-eżenzjoni;

(h) il-ksur tar-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 35(3) u (4);

(i) it-tqegħid fis-suq ta' magna modifikata b'tali mod li din ma tibqax f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE tagħha;

(j) l-installazzjoni ta' magna f'makkinarju mobbli mhux tat-triq għal użu differenti mill-użu esklużiv previst fl-Artikolu 4;

(k) it-tqegħid fis-suq ta' magna bi skop speċjali skont l-Artikolu 34(5) jew (6) għall-użu f'makkinarju mobbli mhux tat-triq għajr dak previst f'dawk il-paragrafi;

(l) it-tqegħid fis-suq ta' magna skont l-Artikolu 34(7) jew (8) u l-Artikolu 58(9), (10) jew (11) għall-użu f'makkinarju għajr dak previst f'dawk il-paragrafi;

▼B

(m) it-tqegħid fis-suq ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq li fih magni soġġetti għal approvazzjoni tat-tip tal-UE skont dan ir-Regolament huma installati, mingħajr tali approvazzjoni;

(n) it-tqegħid fis-suq ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq bi ksur ta' xi restrizzjoni dwar makkinarju mobbli mhux tat-triq stipulati fl-Artikoli 34(8).

Artikolu 58

Dispożizzjonijiet transitorji

1. Mingħajr preġudizzju għall-Kapitoli II u III, dan ir-Regolament ma għandux jinvalida, qabel id-dati għat-tqegħid fis-suq tal-magni stabbiliti fl-Anness III, kwalunkwe approvazzjoni tat-tip tal-UE jew eżenzjoni.

2. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni jistgħu, f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti applikabbli fil-5 ta' Ottubru 2016 jkomplu jagħtu approvazzjonijiet tat-tip tal-UE sad-dati obbligatorji stabbiliti fl-Anness III għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE tal-magni u jkomplu jagħtu eżenzjonijiet f'konformità ma' dik il-leġiżlazzjonisad-dati obbligatorji stabbiliti fl-Anness III għat-tqegħid fis-suq tal-magni.

L-Istati Membri jistgħu, f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti applikabbli fil-5 ta' Ottubru 2016 jkomplu jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' magni sad-dati obbligatorji stabbiliti fl-Anness III għat-tqegħid fis-suq tal-magni.

3. B'deroga minn dan ir-Regolament, il-magni li rċevew approvazzjoni tat-tip tal-UE skont il-leġiżlazzjoni rilevanti applikabbli fil-5 ta' Ottubru 2016, jew li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti mill-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) u adottati bħala l-Istadju II tas-CCNR, fil-qafas tal-Konvenzjoni Riveduta għal Navigazzjoni fuq ir-Renu, jistgħu jkomplu jitqiegħdu fis-suq sad-dati għat-tqegħid fis-suq tal-magni stabbiliti fl-Anness III.

F'tali każijiet, l-awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq ta' magni li jikkonformaw mat-tip approvat.

4. Il-magni li fil-5 ta' Ottubru 2016 ma kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 97/68/KE jistgħu jkomplu jitqiegħdu fis-suq fuq il-bażi tar-regoli nazzjonali fis-seħħ, jekk ikun hemm, sad-dati għat-tqegħid fis-suq tal-magni stabbiliti fl-Anness III.

5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(3), l-Artikolu 18(2) u, fejn applikabbli, id-Direttiva 2008/57/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1302/2014 ([1]), il-magni ta' transizzjoni u, fejn applikabbli, il-makkinarju mobbli mhux tat-triq fejn jiġu installati dawk il-magni ta' transizzjoni jistgħu jkomplu jitqiegħdu fis-suq matul il-perijodu ta' transizzjoni, sakemm il-makkinarju fejn tiġi installata l-magna ta' transizzjoni jkollu data tal-produzzjoni li ma tkun aktar tard minn 18-il xahar wara l-bidu tal-perijodu ta' transizzjoni.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1302/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-subsistema tal-"Vetturi ferrovjarji — lokomottivi u vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 228).

▼B

Għall-magni tal-kategorija NRE, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-estensjoni tal-perijodu ta' transizzjoni u tal-perijodu ta' 18-il xahar imsemmijin fl-ewwel subparagrafu b'perijodu addizzjonali ta' 12-il xahar għall-OEMs bi produzzjoni annwali totali ta' inqas minn 100 unità ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq mgħammra b'magni b'kombustjoni interna. Għall-finijiet tal-kalkolu ta' dik il-produzzjoni annwali totali, l-OEMs kollha taħt il-kontroll tal-istess persuna fiżika jew ġuridika għandhom jitqiesu bħala OEM wieħed.

Għall-magni tal-kategorija NRE użati fi krejnijiet mobbli, il-perijodu ta' transizzjoni u l-perijodu ta' 18-il xahar imsemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu estiżi bi 12-il xahar.

Għall-magni tal-kategorija NRS b'potenza tal-magna ta' inqas minn 19 KW użati fil-magni għat-tneħħija tas-silġ (snow throwers), il-perijodu ta' transizzjoni u l-perijodu ta' 18-il xahar imsemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu estiżi b'24 xahar.

6. Soġġett għall-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, il-magni ta' transizzjoni għandhom jissodisfaw mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikunu konformi mat-tipi ta' magni jew familji ta' magni li l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tagħhom m'għadhiex valida skont il-punt (a) tal-Artikolu 30(2), u jkunu, fid-dati tal-produzzjoni tal-magni, koperti minn approvazzjoni tat-tip tal-UE valida li tkun f'konformità mal-aħħar limiti tal-emissjonijiet applikabbli definiti fil-leġiżlazzjoni rilevanti applikabbli fil-5 ta' Ottubru 2016;

(b) jappartjenu għal medda tal-potenza li ma kinitx soġġetta għal approvazzjoni tat-tip ta' emissjonijiet ta' inkwinanti fil-livell tal-Unjoni fil-5 ta' Ottubru 2016; jew

(c) jintużaw jew maħsuba biex jintużaw f'applikazzjoni li ma kinitx soġġetta għal approvazzjoni tat-tip relatata ma' emissjonijiet ta' inkwinanti fil-livell tal-Unjoni fil-5 ta' Ottubru 2016.

7. Il-perijodu għat-tqegħid fis-suq ta' magni ta' transizzjoni għandu jkun limitat għal:

(a) 24 xahar mid-data applikabbli għat-tqegħid fis-suq tal-magni stabbilita fl-Anness III, fil-każ previst fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 5;

(b) 36 xahar mid-data applikabbli għat-tqegħid fis-suq tal-magni stabbilita fl-Anness III, fil-każ previst fit-tieni u t-tielet subparagrafi tal-paragrafu 5;

(c) 48 xahar mid-data applikabbli għat-tqegħid fis-suq tal-magni stabbilita fl-Anness III, fil-każ previst fir-raba' subparagrafu tal-paragrafu 5.

8. Il-fabbrikanti għandhom jiżguraw li l-magni ta' transizzjoni li jitqiegħdu fis-suq matul il-perijodu ta' transizzjoni jikkonformaw mal-marka msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 32(2).

▼B

9. Minkejja l-Artikolu 5(3), l-Artikolu 18(2) u l-Artikolu 22, l-Istati Membri jistgħu, għal perijodu li jintemm mhux aktar tard mis-17 ta' Settembru 2026, jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta' magni tal-kategorija RLL b'potenza netta massima ta' aktar minn 2 000 kW li ma jikkonformawx mal-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness II biex jiġu installati f'lokomottivi li jistgħu jaħdmu biss fuq netwerk ferrovjarja teknikament iżolata ta' 1 520 mm. Matul dak il-perijodu, il-magni li jitqiegħdu fis-suq għandhom, bħala minimu, jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet li l-magni kellhom jissodisfaw sabiex jitqiegħdu fis-suq fil-31 ta' Diċembru 2011. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri għandhom jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-UE u għandhom jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta' dawn il-magni.

10. Minkejja l-Artikoli 5(3) u 18(2), l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta' magni ta' sostituzzjoni, għal perijodu mhux itwal minn 15-il sena, li jibda mid-dati applikabbli għat-tqegħid fis-suq ta' magni ta' Stadju V stabbiliti fl-Anness III, sakemm dawn il-magni jappartjenu għal kategorija ekwivalenti għal NRE jew NRS, ikollhom potenza referenzjarja ta' mhux inqas minn 19 kW, jew jappartjenu għal kategorija ekwivalenti għal NRG, fejn il-magna ta' sostituzzjoni u l-magna oriġinali jappartjenu għal kategorija ta' magna jew medda tal-potenza li ma kinitx soġġetta għall-approvazzjoni tat-tip fil-livell tal-Unjoni fil-31 ta' Diċembru 2016.

11. Minkejja l-Artikoli 5(3) u 18(2), l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta' magni ta' sostituzzjoni, għal perijodu mhux itwal minn 20 sena, li jibda mid-dati applikabbli għat-tqegħid fis-suq ta' magni ta' Stadju V stabbiliti fl-Anness III, sakemm dawn il-magni:

(a) jappartjenu għall-kategorija NRE b'potenza referenzjarja ta' mhux inqas minn 19 kW u mhux aktar minn 560 kW, u jkunu konformi ma' stadju ta' emissjonijiet li jkun skada mhux aktar minn 20 sena qabel it-tqegħid fis-suq ta' dawk il-magni u li jkun rigoruż tal-inqas daqs il-limiti ta' emissjonijiet li l-magna li ser tiġi sostitwita kellha tissodisfa meta tqiegħdet fis-suq oriġinarjament;

(b) jappartjenu għal kategorija ekwivalenti għal NRE u b'potenza referenzjarja akbar minn 560 kW, fejn il-magna ta' sostituzzjoni u l-magna oriġinali jappartjenu għal kategorija ta' magni jew medda tal-potenza li ma kinitx soġġetta għall-approvazzjoni tat-tip fil-livell tal-Unjoni fil-31 ta' Diċembru 2016;

12. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx dan ir-Regolament, għal perijodu li jintemm mhux aktar tard mis-17 ta' Settembru 2026, għal magni installati f'makkinarju għall-ħsad tal-qoton.

13. Il-fabbrikanti għandhom jiżguraw li l-magni ta' sostituzzjoni jikkonformaw mal-marka msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 32(2).

Artikolu 59

Rapport

1. Sal-31 ta' Diċembru 2021, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE stipulati f'dan ir-Regolament.

▼B

2. Sal-31 ta' Diċembru 2022, abbażi tal-informazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 60

Reviżjoni

1. Sal-31 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-valutazzjoni tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti miżuri armonizzati għall-installazzjoni ta' tagħmir modifikat għall-kontroll tal-emissjonijiet fil-magni f'makkinarju mobbli mhux tat-triq li diġà tqiegħed fis-suq tal-Unjoni. Dak ir-rapport għandu jindirizza wkoll miżuri tekniċi u skemi ta' inċentivi finanzjarji bħala mezz biex jgħin lill-Istati Membru jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja, billi tiġi vvalutata l-azzjoni possibbli kontra t-tniġġis tal-arja f'żoni ta' popolazzjoni densa, u bir-rispett dovut għar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rigward:

(a) il-valutazzjoni tal-potenzjal għal tnaqqis ulterjuri ta' emissjonijiet ta' inkwinanti, abbażi tat-teknoloġiji disponibbli u analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji.

B'mod partikolari, għal magni tal-kategoriji IWP u IWA, il-valutazzjoni tal-fattibbiltà teknoloġika u ekonomika ta':

(i) tnaqqis ulterjuri fil-valur ta' limitu tal-emissjonijiet għall-emissjonijiet tal-PN u l-NO_x;

(ii) tnaqqis ulterjuri fil-fattur A għal magni li jaħdmu bi fjuwils kompletament jew parzjalment gassużi fil-qafas ta' operazzjoni newtrali għall-klima meta mqabbel mal-magni li jaħdmu bid-diżil; u

(iii) l-addizzjoni ta' valuri limitu tal-PN għal dawk il-kategoriji ta' magni li għalihom tali valuri ma ġewx imniżżla fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(b) l-identifikazzjoni tat-tipi ta' inkwinanti potenzjalment rilevanti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rigward l-użu tal-klawżoli ta' eżenzjoni previsti fl-Artikolu 34(4) u (5), u l-monitoraġġ tar-riżultati tat-testijiet tal-emissjonijiet previst fl-Artikolu 19 u l-konklużjonijiet minnu.

▼B

Barra dan, ir-rapport għandu jevalwa it-testijiet meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE kif stabbiliti fl-Artikoli 24 u 25, b'enfasi partikolari fuq kemm dawk it-testijiet jikkorrispondu għal kondizzjonijiet reali tal-operazzjoni tal-magna, u għandu jevalwa wkoll il-fattibbiltà li jiġu introdotti testijiet għall-emissjonijiet ta' partikolati inkwinanti bħala parti mill-ittestjar waqt is-servizz stabbilit fl-Artikolu 19.

4. Ir-rapporti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandhom:

(a) ikunu bbażati fuq konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti;

(b) jieħdu kont tal-istandards relatati eżistenti tal-Unjoni u dawk internazzjonali; u

(c) ikunu akkumpanjati, fejn xieraq, minn proposti leġiżlattivi.

Artikolu 61

Emendi tad-Direttiva 97/68/KE

Id-Direttiva 97/68/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 9(4a), jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, fuq talba ta' OEM, it-tqegħid fis-suq ta' magni li jissodisfaw l-Istadju III A tal-valuri tal-limiti tal-emissjonijiet, sakemm dawk il-magni jkunu intenzjonati għal installazzjoni f'makkinarju mobbli mhux tat-triq li jintuża f'atmosfera potenzjalment esplożivi, kif definiti fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

Il-fabbrikanti għandhom jipprovdu lill-awtorità tal-approvazzjoni bl-evidenza li l-magni huma installati esklużivament f'makkinarju mobbli mhux tat-triq ċertifikat li jissodisfa dawk ir-rekwiżiti. Tikketta bit-test "Magna għal użu ristrett f'makkinarju ffabbrikat minn", segwit mill-isem tal-OEM u r-referenza unika tad-deroga assoċjata għandha titwaħħal ma' kull magna bħal din, maġenb il-marka statutorja tal-magna stabbilita fit-taqsima 3 tal-Anness I.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-UE u jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta' magni tal-kategorija RLL b'potenza netta massima aktar minn 2 000 kW li ma jikkonformax mal-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness II, biex jiġu installati f'lokomottivi li jaħdmu biss fuq netwerk ferrovjarju teknikament iżolat ta' 1 520 mm. Dawk il-magni għandhom, bħala minimu, jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet li l-magni kellhom jissodisfaw sabiex jitqiegħdu fis-suq fil-31 ta' Diċembru 2011.

(*) Id-Direttiva 2014/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għal tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosferi potenzjalment esplużivi (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 309.";

▼B

(2) fl-Artikolu 10, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"8. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx din id-Direttiva għal magni installati f'makkinarju tal-ħsad tal-qoton.".

Artikolu 62

Emenda tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012

Fl-Anness għar-Regolament (UE) Nru 1024/2012, jiżdied il-punt li ġej:

▼C1

"10. Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti ta' emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE (*): Artikolu 44.

(*) ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53.".

▼B

Artikolu 63

Emenda tar-Regolament (UE) Nru 167/2013

L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar il-kategoriji tal-magni, il-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost, iċ-ċikli tat-test, il-perijodi ta' durabbiltà tal-emissjonijiet, ir-rekwiżiti tal-emissjonijiet tal-egżost, il-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' magni fis-servizz u t-twettiq ta' kejl u testijiet, kif ukoll id-dispożizzjonijiet transitorji u d-dispożizzjonijiet li jippermettu l-approvazzjoni bikrija tat-tip tal-UE u t-tqegħid fis-suq ta' magni ta' Stadju V stipulat għal makkinarju mobbli mhux tat-triq fir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati bis-saħħa tiegħu.

Għall-finijiet tat-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' tratturi tal-kategoriji T2, T4.1 u C2, il-magni fil-medda tal-potenza 56 — 130 kW li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Istadju IIIB għandhom jitqiesu bħala magni ta' transizzjoni kif definiti fil-punt (32) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2016/1628.

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti ta' emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53).";

▼B

(2) fil-paragrafu 6, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-prinċipju stipulat fit-tieni subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li, sal-31 ta' Diċembru 2016, temenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/96 (*), sabiex:

(a) għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tratturi tal-kategoriji T2, T4.1 u C2, il-perijodu ta' posponiment stipulat fl-Artikolu 11(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/96 huwa ta' erba' snin; u

(b) taħt l-iskema ta' flessibbiltà msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/96, il-flessibbiltà permessa skont il-punt 1.1.1 tal-Anness V għal dak ir-Regolament Delegat jiżdied għal 150 % għal tratturi tal-kategoriji T2, T4.1 u C2.

(*) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/96 tal-1 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti ambjentali u tar-rendiment tal-unità tal-propulsjoni tal-vetturi agrikoli u forestali (ĠU L 16, 23.1.2015, p. 1).".

Artikolu 64

Revoka

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 58(1) sa (4) ta' dan ir-Regolament, id-Direttiva 97/68/KE hija rrevokata b'effett mill-1 ta' Jannar 2017.

2. Ir-referenzi għad-Direttiva rrevokata għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 65

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 61, li għandu japplika mis-6 ta' Ottubru 2016.

Mis-6 ta' Ottubru 2016, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tip ġdid ta' magna jew familja ta' magni, u lanqas jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tiegħu fejn dak it-tip ta' magna jew familja ta' magni ikun konformi mal-Kapitoli II, III, IV u VIII u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Definizzjoni tas-subkategoriji tal-magni msemmija fl-Artikolu 4

Tabella I-1: Is-subkategoriji tal-kategorija ta' magni NRE definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1)

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	Potenza referenzjarja
NRE	CI	varjabbli	$0 < P < 8$	NRE-v-1	Potenza netta massima
	CI		$8 \leq P < 19$	NRE-v-2	
	CI		$19 \leq P < 37$	NRE-v-3	
	CI		$37 \leq P < 56$	NRE-v-4	
	kollha		$56 \leq P < 130$	NRE-v-5	
			$130 \leq P \leq 560$	NRE-v-6	
			$P > 560$	NRE-v-7	
	CI	kostanti	$0 < P < 8$	NRE-c-1	Potenza netta nominali
	CI		$8 \leq P < 19$	NRE-c-2	
	CI		$19 \leq P < 37$	NRE-c-3	
	CI		$37 \leq P < 56$	NRE-c-4	
	kollha		$56 \leq P < 130$	NRE-c-5	
			$130 \leq P \leq 560$	NRE-c-6	
			$P > 560$	NRE-c-7	

Tabella I-2: Is-subkategoriji tal-kategorija ta' magni NRG definita fil-punt (2) tal-Artikolu 4(1)

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	Potenza referenzjarja
NRG	kollha	varjabbli	$P > 560$	NRG-v-1	Potenza netta massima
		kostanti	$P > 560$	NRG-c-1	Potenza netta nominali

Tabella I-3: Is-subkategoriji tal-kategorija ta' magni NRSh definita fil-punt (3) tal-Artikolu 4(1)

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Ċilindrata (cm^3)	Subkategorija	Potenza referenzjarja
NRSh	SI	varjabbli jew kostanti	$0 < P < 19$	$SV < 50$	NRSh-v-1a	Potenza netta massima
				$SV \geq 50$	NRSh-v-1b	

▼B

Tabella I-4: Is-subkategoriji tal-kategorija ta' magni NRS definita fil-punt (4) tal-Artikolu 4(1)

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Ċilindrata (cm^3)	Subkategorija	Potenza referenzjarja
NRS	SI	varjabbli, ≥ 3 600 rpm; jew kostanti	0 < P < 19	80 ≤ SV < 225	NRS-vr-1a	Potenza netta massima
				SV ≥ 225	NRS-vr-1b	
		varjabbli, < 3 600 rpm		80 ≤ SV < 225	NRS-vi-1a	
				SV ≥ 225	NRS-vi-1b	
		varjabbli jew kostanti	19 ≤ P < 30	SV ≤ 1 000	NRS-v-2a	Potenza netta massima
				SV > 1 000	NRS-v-2b	
			30 ≤ P < 56	kwalunkwe	NRS-v-3	Potenza netta massima

Għall-magni < 19 kW b'SV < 80 cm^3 f'makkinarju għajr makkinarju li jinżamm fl-idejn, għandhom jintużaw magni tal-kategorija NRSh.

Tabella I-5: Is-subkategoriji tal-kategorija ta' magni IWP definita fil-punt (5) tal-Artikolu 4(1)

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	Potenza referenzjarja
IWP	kollha	varjabbli	19 ≤ P < 75	IWP-v-1	Potenza netta massima
			75 ≤ P < 130	IWP-v-2	
			130 ≤ P < 300	IWP-v-3	
			P ≥ 300	IWP-v-4	
		kostanti	19 ≤ P < 75	IWP-c-1	Potenza netta nominali
			75 ≤ P < 130	IWP-c-2	
			130 ≤ P < 300	IWP-c-3	
			P ≥ 300	IWP-c-4	

▼B

Tabella I-6: Is-subkategoriji tal-kategorija ta' magni IWA definita fil-punt (6) tal-Artikolu 4(1)

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	Potenza referenzjarja
IWA	kollha	varjabbli	$19 \leq P < 75$	IWA-v-1	Potenza netta massima
			$75 \leq P < 130$	IWA-v-2	
			$130 \leq P < 300$	IWA-v-3	
			$P \geq 300$	IWA-v-4	
		kostanti	$19 \leq P < 75$	IWA-c-1	Potenza netta nominali
			$75 \leq P < 130$	IWA-c-2	
			$130 \leq P < 300$	IWA-c-3	
			$P \geq 300$	IWA-c-4	

Tabella I-7: Is-subkategoriji tal-kategorija ta' magni RLL definita fil-punt (7) tal-Artikolu 4(1)

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	Potenza referenzjarja
RLL	kollha	varjabbli	$P > 0$	RLL-v-1	Potenza netta massima
		kostanti	$P > 0$	RLL-c-1	Potenza netta nominali

Tabella I-8: Is-subkategoriji tal-kategorija ta' magni RLR definita fil-punt (8) tal-Artikolu 4(1)

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	Potenza referenzjarja
RLR	kollha	varjabbli	$P > 0$	RLR-v-1	Potenza netta massima
		kostanti	$P > 0$	RLR-c-1	Potenza netta nominali

Tabella I-9: Is-subkategoriji tal-kategorija ta' magni SMB definita fil-punt (9) tal-Artikolu 4(1)

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	Potenza referenzjarja
SMB	SI	varjabbli jew kostanti	$P > 0$	SMB-v-1	Potenza netta massima

Tabella I-10: Is-subkategoriji tal-kategorija ta' magni ATS definita fil-punt (10) tal-Artikolu 4(1)

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	Potenza referenzjarja
ATS	SI	varjabbli jew kostanti	$P > 0$	ATS-v-1	Potenza netta massima

▼B

ANNESS II

Il-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost imsemmija fl-Artikolu 18(2)

Tabella II-1: Il-limiti tal-emissjonijiet tal-Istadju V għall-kategorija ta' magni NRE definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1)

Stadju tal-emissjonijiet	Subkategorija tal-magna	Medda tal-potenza	Tip ta' ignixin	CO	HC	NO_x	Massa ta' PM	PN	A
		kW		g/kWh	g/kWh	g/kWh	g/kWh	#/kWh	
Stadju V	NRE-v-1 NRE-c-1	$0 < P < 8$	CI	8,00	($HC + NO_x \leq 7,50$)		0,40 (1)	—	1,10
Stadju V	NRE-v-2 NRE-c-2	$8 \leq P < 19$	CI	6,60	($HC + NO_x \leq 7,50$)		0,40	—	1,10
Stadju V	NRE-v-3 NRE-c-3	$19 \leq P < 37$	CI	5,00	($HC + NO_x \leq 4,70$)		0,015	1×10^{12}	1,10
Stadju V	NRE-v-4 NRE-c-4	$37 \leq P < 56$	CI	5,00	($HC + NO_x \leq 4,70$)		0,015	1×10^{12}	1,10
Stadju V	NRE-v-5 NRE-c-5	$56 \leq P < 130$	kollha	5,00	0,19	0,40	0,015	1×10^{12}	1,10
Stadju V	NRE-v-6 NRE-c-6	$130 \leq P \leq 560$	kollha	3,50	0,19	0,40	0,015	1×10^{12}	1,10
Stadju V	NRE-v-7 NRE-c-7	$P > 560$	kollha	3,50	0,19	3,50	0,045	—	6,00

(1) 0,60 għall-magni ta' injezzjoni diretta mkessħa bl-arja li jistartjaw bl-idejn

Tabella II-2: Il-limiti tal-emissjonijiet tal-Istadju V għall-kategorija ta' magni NRG definita fil-punt (2) tal-Artikolu 4(1)

Stadju tal-emissjonijiet	Subkategorija tal-magna	Medda tal-potenza	Tip ta' ignixin	CO	HC	NO_x	Massa ta' PM	PN	A
		kW		g/kWh	g/kWh	g/kWh	g/kWh	#/kWh	
Stadju V	NRG-v-1 NRG-c-1	$P > 560$	kollha	3,50	0,19	0,67	0,035	—	6,00

Tabella II-3: Il-limiti tal-emissjonijiet tal-Istadju V għall-kategorija ta' magni NRSh definita fil-punt (3) tal-Artikolu 4(1)

Stadju tal-emissjonijiet	Subkategorija tal-magna	Medda tal-potenza	Tip ta' ignixin	CO	$HC + NO_x$
		kW		g/kWh	g/kWh
Stadju V	NRSh-v-1a	$0 < P < 19$	SI	805	50
Stadju V	NRSh-v-1b			603	72

▼B

Tabella II-4: Il-limiti tal-emissjonijiet tal-Istadju V għall-kategorija ta' magni NRS definita fil-punt (4) tal-Artikolu 4(1)

Stadju tal-emissjonijiet	Subkategorija tal-magna	Medda tal-potenza	Tip ta' ignixin	CO	HC + NO_x
		kW		g/kWh	g/kWh
Stadju V	NRS-vr-1a NRS-vi-1a	0 < P < 19	SI	610	10
Stadju V	NRS-vr-1b NRS-vi-1b			610	8
Stadju V	NRS-v-2a	19 ≤ P ≤ 30		610	8
Stadju V	NRS-v-2b NRS-v-3	19 ≤ P < 56		4,40 (*)	2,70 (*)

(*) B'mod fakultattiv, bħala alternattiva, kwalunkwe kombinazzjoni ta' valuri li tissodisfa l-ekwazzjoni $(HC + NO_X) \times CO^{0,784} \leq 8,57$ kif ukoll il-kondizzjonijiet li ġejjin: CO ≤ 20,6 g/kWh u $(HC + NO_X) \leq 2,7$ g/kWh.

Tabella II-5: Il-limiti tal-emissjonijiet tal-Istadju V għall-kategorija ta' magni IWP definita fil-punt (5) tal-Artikolu 4(1)

Stadju tal-emissjonijiet	Subkategorija tal-magna	Medda tal-potenza	Tip ta' ignixin	CO	HC	NO_x	Massa ta' PM	PN	A
		kW		g/kWh	g/kWh	g/kWh	g/kWh	#/kWh	
Stadju V	IWP-v-1 IWP-c-1	19 ≤ P < 75	kollha	5,00	$(HC + NO_x \leq 4,70)$		0,30	—	6,00
Stadju V	IWP-v-2 IWP-c-2	75 ≤ P < 130	kollha	5,00	$(HC + NO_x \leq 5,40)$		0,14	—	6,00
Stadju V	IWP-v-3 IWP-c-3	130 ≤ P < 300	kollha	3,50	1,00	2,10	0,10	—	6,00
Stadju V	IWP-v-4 IWP-c-4	P ≥ 300	kollha	3,50	0,19	1,80	0,015	1×10^{12}	6,00

Tabella II-6: Il-limiti tal-emissjonijiet tal-Istadju V għall-kategorija ta' magni IWA definita fil-punt (6) tal-Artikolu 4(1)

Stadju tal-emissjonijiet	Subkategorija tal-magna	Medda tal-potenza	Tip ta' ignixin	CO	HC	NO_x	Massa ta' PM	PN	A
		kW		g/kWh	g/kWh	g/kWh	g/kWh	#/kWh	
Stadju V	IWA-v-1 IWA-c-1	19 ≤ P < 75	kollha	5,00	$(HC + NO_x \leq 4,70)$		0,30	—	6,00
Stadju V	IWA-v-2 IWA-c-2	75 ≤ P < 130	kollha	5,00	$(HC + NO_x \leq 5,40)$		0,14	—	6,00
Stadju V	IWA-v-3 IWA-c-3	130 ≤ P < 300	kollha	3,50	1,00	2,10	0,10	—	6,00
Stadju V	IWA-v-4 IWA-c-4	P ≥ 300	kollha	3,50	0,19	1,80	0,015	1×10^{12}	6,00

▼B

Tabella II-7: Il-limiti tal-emissjonijiet tal-Istadju V għall-kategorija ta' magni RLL definita fil-punt (7) tal-Artikolu 4(1)

Stadju tal-emissjonijiet	Subkategorija tal-magna	Medda tal-potenza	Tip ta' ignixin	CO	HC	NO_x	Massa ta' PM	PN	A
		kW		g/kWh	g/kWh	g/kWh	g/kWh	#/kWh	
Stadju V	RLL-c-1 RLL-v-1	P > 0	kollha	3,50	($HC + NO_x \leq 4{,}00$)		0,025	—	6,00

Tabella II-8: Il-limiti tal-emissjonijiet tal-Istadju V għall-kategorija ta' magni RLR definita fil-punt (8) tal-Artikolu 4(1)

Stadju tal-emissjonijiet	Subkategorija tal-magna	Medda tal-potenza	Tip ta' ignixin tal-magna	CO	HC	NO_x	Massa ta' PM	PN	A
		kW		g/kWh	g/kWh	g/kWh	g/kWh	#/kWh	
Stadju V	RLR-c-1 RLR-v-1	P > 0	kollha	3,50	0,19	2,00	0,015	1×10^{12}	6,00

Tabella II-9: Il-limiti tal-emissjonijiet tal-Istadju V għall-kategorija ta' magni SMB definita fil-punt (9) tal-Artikolu 4(1)

Stadju tal-emissjonijiet	Subkategorija tal-magna	Medda tal-potenza	Tip ta' ignixin	CO	NO_x	HC
		kW		g/kWh	g/kWh	g/kWh
Stadju V	SMB-v-1	P > 0	SI	275	—	75

Tabella II-10: Il-limiti tal-emissjonijiet tal-Istadju V għall-kategorija ta' magni ATS definita fil-punt (10) tal-Artikolu 4(1)

Stadju tal-emissjonijiet	Subkategorija tal-magna	Medda tal-potenza	Tip ta' ignixin	CO	$HC + NO_x$
		kW		g/kWh	g/kWh
Stadju V	ATS-v-1	P > 0	SI	400	8

Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-limiti totali tal-idrokarburi (HC) għall-magni li jaħdmu bi fjuwils kompletament jew parzjalment gassużi


1. Għas-subkategoriji fejn huwa definit fattur A, il-limitu tal-HC għall-magni li jaħdmu bi fjuwils kompletament jew parzjalment gassużi indikati fit-Tabelli II-1 sa II-10 jiġi sostitwit b'limitu kkalkolat bl-użu tal-formula li ġejja:

$$HC = 0{,}19 + (1{,}5 \times A \times GER)$$

fejn GER huwa l-proporzjon enerġetiku tal-gass medju fuq iċ-ċiklu tat-test xieraq. Meta japplikaw kemm iċ-ċiklu tat-test f'qagħda statika kif ukoll iċ-ċiklu tat-test transitorju, il-GER għandu jiġi determinat miċ-ċiklu tat-test transitorju bi startjar shun. Meta japplika aktar minn ċiklu wieħed tat-test f'qagħda statika, il-proporzjon GER għandu jiġi determinat għal kull ċiklu individwalment.

▼B

Jekk il-limitu kkalkolat għall-HC jaqbeż il-valur ta' 0,19 + A, il-limitu għall-HC għandu jiġi stabbilit għal 0,19 + A.



Grafika 1. Dijagramma li turi l-limitu tal-emissjonijiet ta' HC bħala funzjoni tal-GER medju

2. Għas-subkategoriji b'limitu kkombinat ta' HC u NO_x, il-valur tal-limitu kkombinat għall-HC u l-NO_x għandu jitnaqqas b'0,19 g/kWh u japplika biss għall-NO_x.

3. Il-formula ma tapplikax għall-magni li jaħdmu bi fjuwils mhux gassużi.

▼B

ANNESS III

Skeda taż-żmien għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE u t-tqegħid fis-suq

Tabella III-1: Id-dati tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-kategorija ta' magni NRE

Kategorija	Tip ta' ignixin	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	Data obbligatorja tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal	
				approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-magni	Tqegħid fis-suq tal-magni
NRE	CI	$0 < P < 8$	NRE-v-1 NRE-c-1	l-1 ta' Jannar 2018	l-1 ta' Jannar 2019
	CI	$8 \leq P < 19$	NRE-v-2 NRE-c-2		
	CI	$19 \leq P < 37$	NRE-v-3 NRE-c-3	l-1 ta' Jannar 2018	l-1 ta' Jannar 2019
		$37 \leq P < 56$	NRE-v-4 NRE-c-4		
	kollha	$56 \leq P < 130$	NRE-v-5 NRE-c-5	l-1 ta' Jannar 2019	l-1 ta' Jannar 2020
		$130 \leq P \leq 560$	NRE-v-6 NRE-c-6	l-1 ta' Jannar 2018	l-1 ta' Jannar 2019
		$P > 560$	NRE-v-7 NRE-c-7	l-1 ta' Jannar 2018	l-1 ta' Jannar 2019

Tabella III-2: Id-dati tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-kategorija ta' magni NRG

Kategorija	Tip ta' ignixin	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	Data obbligatorja tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal	
				approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-magni	Tqegħid fis-suq tal-magni
NRG	kollha	$P > 560$	NRG-v-1 NRG-c-1	l-1 ta' Jannar 2018	l-1 ta' Jannar 2019

Tabella III-3: Id-dati tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-kategorija ta' magni NRSh

Kategorija	Tip ta' ignixin	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	Data obbligatorja tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal	
				approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-magni	Tqegħid fis-suq tal-magni
NRSh	SI	$0 < P < 19$	NRSh-v-1a NRSh-v-1b	l-1 ta' Jannar 2018	l-1 ta' Jannar 2019

▼B

Tabella III-4: Id-dati tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-kategorija ta' magni NRS

Kategorija	Tip ta' ignixin	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	Data obbligatorja tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal	
				approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-magni	Tqegħid fis-suq tal-magni
NRS	SI	$0 < P < 56$	NRS-vr-1a NRS-vi-1a NRS-vr-1b NRS-vi-1b NRS-v-2a NRS-v-2b NRS-v-3	l-1 ta' Jannar 2018	l-1 ta' Jannar 2019

Tabella III-5: Id-dati tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-kategorija ta' magni IWP

Kategorija	Tip ta' ignixin	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	Data obbligatorja tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal	
				approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-magni	Tqegħid fis-suq tal-magni
IWP	kollha	$19 \leq P < 300$	IWP-v-1 IWP-c-1 IWP-v-2 IWP-c-2 IWP-v-3 IWP-c-3	l-1 ta' Jannar 2018	l-1 ta' Jannar 2019
		$P \geq 300$	IWP-v-4 IWP-c-4	l-1 ta' Jannar 2019	l-1 ta' Jannar 2020

Tabella III-6: Id-dati tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-kategorija ta' magni IWA

Kategorija	Tip ta' ignixin	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	Data obbligatorja tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal	
				approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-magni	Tqegħid fis-suq tal-magni
IWA	kollha	$19 \leq P < 300$	IWA-v-1 IWA-c-1 IWA-v-2 IWA-c-2 IWA-v-3 IWA-c-3	l-1 ta' Jannar 2018	l-1 ta' Jannar 2019
		$P \geq 300$	IWA-v-4 IWA-c-4	l-1 ta' Jannar 2019	l-1 ta' Jannar 2020

Tabella III-7: Id-dati tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-kategorija ta' magni RLL

Kategorija	Tip ta' ignixin	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	Data obbligatorja tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal	
				approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-magni	Tqegħid fis-suq tal-magni
RLL	kollha	$P > 0$	RLL-v-1 RLL-c-1	l-1 ta' Jannar 2020	l-1 ta' Jannar 2021

▼B

Tabella III-8: Id-dati tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-kategorija ta' magni RLR

Kategorija	Tip ta' ignixin	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	Data obbligatorja tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal	
				approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-magni	Tqegħid fis-suq tal-magni
RLR	kollha	P > 0	RLR-v-1 RLR-c-1	l-1 ta' Jannar 2020	l-1 ta' Jannar 2021

Tabella III-9: Id-dati tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-kategorija ta' magni SMB

Kategorija	Tip ta' ignixin	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	Data obbligatorja tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal	
				approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-magni	Tqegħid fis-suq tal-magni
SMB	SI	P > 0	SMB-v-1	l-1 ta' Jannar 2018	l-1 ta' Jannar 2019

Tabella III-10: Id-dati tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-kategorija ta' magni ATS

Kategorija	Tip ta' ignixin	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	Data obbligatorja tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal	
				approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-magni	Tqegħid fis-suq tal-magni
ATS	SI	P>0	ATS-v-1	l-1 ta' Jannar 2018	l-1 ta' Jannar 2019

▼B

ANNESS IV

Ċikli tat-test f'qagħda statika mhux fit-triq (NRSC)

Tabella IV-1: Ċikli tat-test tal-NRSC għall-magni tal-kategorija NRE

Kategorija	Operazzjoni tal-veloċità	Għan	Subkategorija	NRSC
NRE	varjabbli	Magna b'veloċità varjabbli b'potenza referenzjarja ta' inqas minn 19 kW	NRE-v-1 NRE-v-2	G2 jew C1
		Magna b'veloċità varjabbli b'potenza referenzjarja akbar minn jew ugwali għal 19 kW, iżda mhux aktar minn 560 kW	NRE-v-3 NRE-v-4 NRE-v-5 NRE-v-6	C1
		Magna b'veloċità varjabbli li għandha potenza referenzjarja akbar minn 560 kW	NRE-v-7	C1
	kostanti	Magna b'veloċità kostanti	NRE-c-1 NRE-c-2 NRE-c-3 NRE-c-4 NRE-c-5 NRE-c-6 NRE-c-7	D2

Tabella IV-2: Ċikli tat-test tal-NRSC għall-magni tal-kategorija NRG

Kategorija	Operazzjoni tal-veloċità	Għan	Subkategorija	NRSC
NRG	varjabbli	Magna b'veloċità varjabbli għal sett ta' ġenerazzjoni	NRG-v-1	C1
	kostanti	Magna b'veloċità kostanti għal sett ta' ġenerazzjoni	NRG-c-1	D2

Tabella IV-3: Ċikli tat-test tal-NRSC għall-magni tal-kategorija NRSh

Kategorija	Operazzjoni tal-veloċità	Għan	Subkategorija	NRSC
NRSh	varjabbli jew kostanti	Magna b'potenza referenzjarja ta' mhux aktar minn 19 kW, għal użu f'makkinarju li jinżamm fl-idejn	NRSh-v-1a NRSh-v-1b	G3

Tabella IV-4: Ċikli tat-test tal-NRSC għall-magni tal-kategorija NRS

Kategorija	Operazzjoni tal-veloċità	Għan	Subkategorija	NRSC
NRS	varjabbli < 3 600 rpm	Magna b'veloċità varjabbli b'potenza referenzjarja ta' mhux aktar minn 19 kW, intenzjonata għal operazzjoni < 3 600 rpm	NRS-vi-1a NRS-vi-1b	G1
	varjabbli, ≥ 3 600 rpm; jew kostanti	Magna b'veloċità varjabbli b'potenza referenzjarja ta' mhux aktar minn 19 kW, intenzjonata għal operazzjoni ≥ 3 600 rpm; magna b'veloċità kostanti b'potenza referenzjarja ta' mhux aktar minn 19 kW	NRS-vr-1a NRS-vr-1b	G2
	varjabbli jew kostanti	Magna b'potenza referenzjarja ta' bejn 19 kW u 30 kW u b'ċilindrata totali ta' inqas minn litru	NRS-v-2a	G2
		Magna b'potenza referenzjarja ta' aktar minn 19 kW, għajr magna li jkollha kemm potenza referenzjarja ta' bejn 19 kW u 30 kW kif ukoll ċilindrata totali ta' inqas minn litru	NRS-v-2b NRS-v-3	C2

▼B

Tabella IV-5: Ċikli tat-test tal-NRSC għall-magni tal-kategorija IWP

Kategorija	Operazzjoni tal-veloċità	Għan	Subkategorija	NRSC
IWP	varjabbli	Magna b'veloċità varjabbli intenzjonata għal propulsjoni li topera fuq kurva ta' skrun bix-xfafar fissi	IWP-v-1 IWP-v-2 IWP-v-3 IWP-v-4	E3
	kostanti	Magna b'veloċità kostanti intenzjonata għal propulsjoni li topera bi skrun bix-xfafar kontrollabbli jew b'akkoppjament elettriku	IWP-c-1 IWP-c-2 IWP-c-3 IWP-c-4	E2

Tabella IV-6: Ċikli tat-test tal-NRSC għall-magni tal-kategorija IWA

Kategorija	Operazzjoni tal-veloċità	Għan	Subkategorija	NRSC
IWA	varjabbli	Magna b'veloċità varjabbli intenzjonata għal użu awżiljarju fuq bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni	IWA-v-1 IWA-v-2 IWA-v-3 IWA-v-4	C1
	kostanti	Magna b'veloċità kostanti intenzjonata għal użu awżiljarju fuq bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni	IWA-c-1 IWA-c-2 IWA-c-3 IWA-c-4	D2

Tabella IV-7: Ċikli tat-test tal-NRSC għall-magni tal-kategorija RLL

Kategorija	Operazzjoni tal-veloċità	Għan	Subkategorija	NRSC
RLL	varjabbli	Magna b'veloċità varjabbli għall-propulsjoni ta' lokomottivi	RLL-v-1	F
	kostanti	Magna b'veloċità kostanti għall-propulsjoni ta' lokomottivi	RLL-c-1	D2

Tabella IV-8: Ċikli tat-test tal-NRSC għall-magni tal-kategorija RLR

Kategorija	Operazzjoni tal-veloċità	Għan	Subkategorija	NRSC
RLR	varjabbli	Magna b'veloċità varjabbli għall-propulsjoni ta' awtovaguni	RLR-v-1	C1
	kostanti	Magna b'veloċità kostanti għall-propulsjoni ta' awtovaguni	RLR-c-1	D2

▼B

Tabella IV-9: Ċikli tat-test tal-NRSC għall-magni tal-kategorija SMB

Kategorija	Operazzjoni tal-veloċità	Għan	Subkategorija	NRSC
SMB	varjabbli jew kostanti	Magni għall-propulsjoni ta' motoslitti	SMB-v-1	H

Tabella IV-10: Ċikli tat-test tal-NRSC għall-magni tal-kategorija ATS

Kategorija	Operazzjoni tal-veloċità	Għan	Subkategorija	NRSC
ATS	varjabbli jew kostanti	Magni għall-propulsjoni ta' ATVs jew SbS	ATS-v-1	G1

Ċikli tat-test transitorju mhux fit-triq

Tabella IV-11: Ċiklu tat-test transitorju mhux fit-triq għall-magni tal-kategorija NRE

Kategorija	Operazzjoni tal-veloċità	Għan	Subkategorija	
NRE	varjabbli	Magna b'veloċità varjabbli b'potenza referenzjarja akbar minn jew ugwali għal 19 kW, iżda mhux aktar minn 560 kW	NRE-v-3 NRE-v-4 NRE-v-5 NRE-v-6	NRTC

Tabella IV-12: Ċiklu tat-test transitorju mhux fit-triq għall-magni tal-kategorija NRS ([1])

Kategorija	Operazzjoni tal-veloċità	Għan	Subkategorija	
NRS	varjabbli jew kostanti	Magna b'potenza referenzjarja ta' aktar minn 19 kW, għajr magna li jkollha kemm potenza referenzjarja ta' bejn 19 kW u 30 kW kif ukoll ċilindrata totali ta' inqas minn litru	NRS-v-2b NRS-v-3	LSI-NRTC

([1]) Applikabbli biss għal magni b'veloċità tat-test massima ≤ 3 400 rpm.

▼B

ANNESS V

Il-perijodi ta' durabbiltà tal-emissjonijiet (EDP) imsemmija fl-Artikolu 25(1)

Tabella V-1: EDP għal magna tal-kategorija NRE

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	EDP (sigħat)
NRE	CI	varjabbli	$0 < P < 8$	NRE-v-1	3 000
	CI		$8 \leq P < 19$	NRE-v-2	
	CI		$19 \leq P < 37$	NRE-v-3	5 000
	CI		$37 \leq P < 56$	NRE-v-4	8 000
	kollha		$56 \leq P < 130$	NRE-v-5	
			$130 \leq P \leq 560$	NRE-v-6	
			$P > 560$	NRE-v-7	
	CI	kostanti	$0 < P < 8$	NRE-c-1	3 000
	CI		$8 \leq P < 19$	NRE-c-2	
	CI		$19 \leq P < 37$	NRE-c-3	
	CI		$37 \leq P < 56$	NRE-c-4	8 000
	kollha		$56 \leq P < 130$	NRE-c-5	
			$130 \leq P \leq 560$	NRE-c-6	
			$P > 560$	NRE-c-7	

Tabella V-2: EDP għal magna tal-kategorija NRG

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	EDP (sigħat)
NRG	kollha	kostanti	$P > 560$	NRG-v-1	8 000
		varjabbli		NRG-c-1	

Tabella V-3: EDP għal magna tal-kategorija NRSh

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Ċilindrata (cm^3)	Subkategorija	EDP (sigħat)
NRSh	SI	varjabbli jew kostanti	$0 < P < 19$	SV < 50	NRSh-v-1a	50/125/300 [1]
				SV ≥ 50	NRSh-v-1b	

[1] Is-sigħat tal-EDP jikkorrispondu għall-kategoriji Cat 1/Cat 2/Cat 3 tal-EDP kif definiti fl-atti delegati adottati bis-saħħa ta' dan ir-Regolament.

▼B

Tabella V-4: EDP għal magna tal-kategorija NRS

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Ċilindrata (cm^3)	Subkategorija	EDP (sigħat)
NRS	SI	varjabbli, ≥ 3 600 rpm; jew kostanti	0 < P < 19	80 ≤ SV < 225	NRS-vr-1a	125/250/500 ([1])
		varjabbli < 3 600 rpm			NRS-vi-1a	
		varjabbli, ≥ 3 600 rpm; jew kostanti		SV ≥ 225	NRS-vr-1b	250/500/1 000 ([1])
		varjabbli < 3 600 rpm			NRS-vi-1b	
		varjabbli jew kostanti	19 ≤ P < 30	SV ≤ 1 000	NRS-v-2a	1 000
				SV > 1 000	NRS-v-2b	5 000
			30 ≤ P < 56	kwalunkwe	NRS-v-3	5 000

([1]) Is-sigħat tal-EDP jikkorrispondu għall-kategoriji Cat 1/Cat 2/Cat 3 tal-EDP kif definiti fl-atti delegati adottati bis-saħħa ta' dan ir-Regolament.

Tabella V-5: EDP għal magna tal-kategorija IWP

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	EDP (sigħat)
IWP	kollha	varjabbli	19 ≤ P < 75	IWP-v-1	10 000
			75 ≤ P < 130	IWP -v-2	
			130 ≤ P < 300	IWP -v-3	
			P ≥ 300	IWP -v-4	
		kostanti	19 ≤ P < 75	IWP -c-1	10 000
			75 ≤ P < 130	IWP -c-2	
			130 ≤ P < 300	IWP -c-3	
			P ≥ 300	IWP -c-4	

Tabella V-6: EDP għal magna tal-kategorija IWA

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	EDP (sigħat)
IWA	kollha	varjabbli	19 ≤ P < 75	IWA-v-1	10 000
			75 ≤ P < 130	IWA -v-2	
			130 ≤ P < 300	IWA -v-3	
			P ≥ 300	IWA -v-4	
		kostanti	19 ≤ P < 75	IWA -c-1	10 000
			75 ≤ P < 130	IWA -c-2	
			130 ≤ P < 300	IWA -c-3	
			P ≥ 300	IWA -c-4	

▼B

Tabella V-7: EDP għal magna tal-kategorija RLL

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	EDP (sigħat)
RLL	kollha	varjabbli	P > 0	RLL-v-1	10 000
		kostanti	P > 0	RLL-c-1	

Tabella V-8: EDP għal magna tal-kategorija RLR

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	EDP (sigħat)
RLR	kollha	varjabbli	P > 0	RLR-v-1	10 000
		kostanti	P > 0	RLR-c-1	

Tabella V-9: EDP għal magna tal-kategorija SMB

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	EDP (sigħat)
SMB	SI	varjabbli jew kostanti	P > 0	SMB-v-1	400 ([1])

([1]) Alternattivament, huwa permess perijodu ta' durabbiltà tal-emissjonijiet ta' 8 000 km

Tabella V-10: EDP għal magna tal-kategorija ATS

Kategorija	Tip ta' ignixin	Operazzjoni tal-veloċità	Medda tal-potenza (kW)	Subkategorija	EDP (sigħat)
ATS	SI	varjabbli jew kostanti	P > 0	ATS-v-1	500/1 000 ([1])

([1]) Is-sigħat tal-EDP jikkorrispondu għaċ-ċilindrati totali tal-magna li ġejjin: < 100 cm^3 / ≥ 100 cm^3.

▼B

ANNESS VI

Il-valuri tal-limitu tal-emissjonijiet ta' magni bi skop speċjali (SPE) imsemmija fl-Artikolu 34(5)

Tabella VI-1: Il-valuri tal-limitu tal-emissjonijiet għal magna SPE tal-kategorija NRE

Stadju tal-emissjonijiet	Subkategorija tal-magna	Medda tal-potenza	Tip ta' ignixin	CO	HC	NO_x	Massa ta' PM	A
		kW		g/kWh	g/kWh	g/kWh	g/kWh	
SPE	NRE-v-1 NRE-c-1	$0 < P < 8$	CI	8	7,5		0,4	6,0
SPE	NRE-v-2 NRE-c-2	$8 \leq P < 19$	CI	6,6	7,5		0,4	6,0
SPE	NRE-v-3 NRE-c-3	$19 \leq P < 37$	CI	5,5	7,5		0,6	6,0
SPE	NRE-v-4 NRE-c-4	$37 \leq P < 56$	CI	5,0	4,7		0,4	6,0
SPE	NRE-v-5 NRE-c-5	$56 \leq P < 130$	kollha	5,0	4,0		0,3	6,0
SPE	NRE-v-6 NRE-c-6	$130 \leq P \leq 560$	kollha	3,5	4,0		0,2	6,0
SPE	NRE-v-7 NRE-c-7	$P > 560$	kollha	3,5	6,4		0,2	6,0

Tabella VI-2: Il-valuri tal-limitu tal-emissjonijiet għal magna SPE tal-kategorija NRG

Stadju tal-emissjonijiet	Subkategorija tal-magna	Medda tal-potenza	Tip ta' ignixin	CO	HC	NO_x	Massa ta' PM	A
		kW		g/kWh	g/kWh	g/kWh	g/kWh	
SPE	NRG-c-1 NRG-v-1	$P > 560$	kollha	3,5	6,4		0,2	6,0

Tabella VI-3: Il-valuri tal-limitu tal-emissjonijiet għal magna SPE tal-kategorija RLL

Stadju tal-emissjonijiet	Subkategorija tal-magna	Medda tal-potenza	Tip ta' ignixin	CO	HC	NO_x	Massa ta' PM	A
		kW		g/kWh	g/kWh	g/kWh	g/kWh	
SPE	RLL-v-1 RLL-c-1	$P \leq 560$	kollha	3,5	$(HC + NO_x \leq 4,0)$		0,2	6,0
SPE	RLL-v-1 RLL-c-1	$P > 560$ kW	kollha	3,5	0,5	6,0	0,2	6,0
SPE	RLL-v-1 RLL-c-1	$P > 2\,000$ kW u SVc [1] > 5 litri	kollha	3,5	0,4	7,4	0,2	6,0

[1] Ċilindrata għal kull ċilindru.